**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

P8_TA(2019)0350

# Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) (COM(2018)0382 – C8-0232/2018 – 2018/0206(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2021/C 116/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0382),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2), l-Artikoli 164, l-Artikolu 168 (5), l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 349(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0232/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0461/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([3]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 165.
([2]) ĠU C 86, 7.3.2019, p. 84.
([3]) Din il-pożizzjoni tikkorrispondi għall-emendi adottati fis-16 ta' Jannar 2019 (Testi adottati, P8_TA(2019)0020).

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

## P8_TC1-COD(2018)0206

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2)(a), l-Artikolu 164, l-Artikolu 168(5), l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

***(-1)*** ***Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), bit-twaqqif ta' Suq Intern, l-Unjoni qed taħdem favur ekonomija tas-suq soċjali ferm kompetittiva, bil-għan li tikseb impjiegi sħiħ u progress soċjali; tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal; kif ukoll tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni. Bi qbil mal-Artikolu 9 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta, fost l-oħrajn, mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.*** **[Em. 1]**

(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala risposta għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. Dawn l-għoxrin prinċipju ewlieni huma strutturati madwar tliet kategoriji: l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol; il-kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol; u ~~il-~~***l-***protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ jiggwidaw l-azzjonijiet permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-FSE+ jenħtieġ ***li*** jappoġġa l-investimenti fin-nies u s-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, ***tas-servizzi pubbliċi, tas-saħħa,*** l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali skont ~~l-Artikolu~~ ***l-Artikoli*** 174 ***u 175*** tat-TFUE. ***L-azzjonijiet kollha skont l-FSE+ jenħtieġ li jirrispettaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u jqisu l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità li tagħha l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha huma partijiet.*** **[Em. 2]**

(2) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika hu l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji tal-investimenti multiannwali nazzjonali tagħhom stess ħalli jappoġġaw dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Dawk l-istrateġiji jenħtieġ ***li jiġu żviluppati bi sħubija bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluża perpsettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u*** jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali

([1]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 165.
([2]) ĠU C 86, 7.3.2019, p. 84.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2019.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

bħala mod li jippreżenta u jikkoordina l-proġetti ta' investiment ta' prijorità li jridu s-sostenn tal-finanzjament nazzjonali u/jew tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn iservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jimmassimizza l-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li jasal b'mod partikolari mill-programmi appoġġati mill-Unjoni permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, iċ-Ċentru Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Funzjoni u InvestEU, meta rilevanti. **[Em. 3]**

(3) ***Il-Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri adottati mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 148(2) tat-TFUE, jiġifieri: l-għoti ta' spinta lid-domanda għax-xogħol; it-tisħiħ tal-provvista tal-ħaddiema: l-aċċess għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi; it-tisħiħ tal-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, it-trawwim tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inklużi servizzi pubbliċi mtejba fil-qasam tas-saħħa u f'oqsma oħrajn, flimkien mal-linji gwidi ekonomiċi wiesgħa adottati f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE jifformaw parti mil-Linji Gwida Integrati li jsostnu l-istrateġija Ewropa 2020.*** Il-Kunsill ta' […] adotta linji gwida riveduti għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri biex ~~it-test jiġi allinjat~~ ***jiġu allinjati*** mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, bil-ħsieb li ***jistimolaw il-ħolqien tal-impjiegi u jrawmu l-koeżjoni soċjali, sabiex b'hekk*** titjieb il-kompetittività tal-Ewropa u ***l-Unjoni*** ssir post aħjar għall-investiment~~, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali~~. Biex ~~jiżgura~~ ***jiżguraw*** l-allinjament sħiħ tal-FSE+ mal-għanijiet ~~ta' dawn il-linji~~ ***tal-Linji*** gwida~~, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, il-faqar u d-diskriminazzjoni, l-FSE+ jenħtieġ jappoġġa lill-Istati~~ ***għall-politiki dwar l-impjiegi, l-Istati*** Membri ***jenħtieġ li jipprogrammaw l-appoġġ skont l-FSE+ li jkun rilevanti għalihom***, filwaqt li ~~jqis il-Linji~~ ***jqisu dawk il-Linji*** Gwida ~~Integrati u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti~~***, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet*** speċifiċi għall-pajjiżi adottati b'konformità mal-Artikolu ~~121(2) tat-TFUE u l-Artikolu~~ 148(4) ***u l-Artikolu 121(2)*** tat-TFUE u, ~~meta xieraq,~~ fil-livell nazzjonali, ~~mal-programmi~~ ***mal-aspetti tal-impjieg u soċjali tal-programmi*** nazzjonali ta' riforma mirfuda bi strateġiji nazzjonali. Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi wkoll għall-aspetti rilevanti tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi u attivitajiet ewlenin tal-Unjoni, b'mod partikolari "l-Aġenda għall-Ħiliet tal-Ewropa" u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, ~~ir-Rakkomandazzjonijiet~~ ***il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u Rakkomandazzjonijiet*** tal-Kunsill rilevanti ***oħrajn*** u inizjattivi oħra ***bħal L-Investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ,*** bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-Perkors ta' Titjib tal-Ħiliet ~~u~~ dwar l-Integrazzjoni tal-persuni qegħda fit-tul***, Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships u l-Apprendistati u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***. **[Em. 4]**

(4) Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill approva r-risposta tal-Unjoni għall-"Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU" – futur Ewropew sostenibbli. Il-Kunsill enfasizza l-importanza li jinkiseb żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali), b'mod bilanċjat u integrat. Hu vitali li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fl-oqsma ta' politika interna u esterna tal-Unjoni kollha, u li l-Unjoni tkun ambizzjuża fil-politiki li tuża biex tindirizza l-isfidi dinjin. Il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-passi li jmiss għal futur Ewropew sostenibbli" tat-22 ta' Novembru 2016 bħala l-ewwel pass għall-integrazzjoni tal-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli u l-applikazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju ta' gwida essenzjali għall-politiki kollha tal-Unjoni, inkluż bl-istrumenti finanzjarji tagħha. ***L-FSE+ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi, fost l-oħrajn, jeqred il-forom estremi ta' faqar (għan 1); jippromwovi edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva (għan 4); jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi (għan 5); jippromwovi tkabbir ekonomiku kontinwu, inklużiv u sostenibbli, impjieg sħiħ u produttiv u xogħol diċenti għal kulħadd (għan 8); u jnaqqas l-inugwaljanza (għan 10).*** **[Em. 5]**

***(4a) B'kont meħud tal-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961, jenħtieġ li fl-għanijiet tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkollhom il-promozzjoni tal-impjiegi, kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol imtejba, bil-għan li jkun hemm livelli għolja ta' impjieg fit-tul u li tiġi miġġielda l-esklużjoni, f'konformità mal-Artikolu 151 tat-TFUE.*** **[Em. 6]**

***(4b) Għad hemm bosta sfidi soċjali fis-soċjetà Ewropea. Aktar minn 100 miljun persuna qed jgħixu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa aktar mid-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad u tinħtieġ integrazzjoni aħjar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dawn l-isfidi mhux biss jipperikolaw il-benesseri taċ-ċittadini milquta direttament, iżda jpoġġu pressjoni ekonomika u soċjali fuq is-soċjetà Ewropea kollha kemm hi.*** **[Em. 7]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(5) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali minħabba l-globalizzazzjoni ekonomika, ***l-inugwaljanzi soċjali,*** il-ġestjoni tal-flussi migratorji~~, iż-żieda fit-theddid tas-sigurtà~~, ***u l-isfidi ta' integrazzjoni relatati***, it-tranżizzjoni ***ġusta*** lejn enerġija nadifa, il-bidla teknoloġika, ***it-tnaqqis demografiku, il-qgħad b'mod ġenerali u l-qgħad fost iż-żgħażagħ***, it-tixjiħ dejjem iżjed ***tas-soċjetà u*** tal-forza tax-xogħol, u n-nuqqas dejjem aktar ta' ħiliet u ***ta'*** ħaddiema f'xi setturi u reġjuni, imġarrba l-iżjed mill-SMEs. Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, ***l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja***, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb ***il-kompetenzi u l-għarfien,*** il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà ~~tal-ħaddiema~~ ***professjonali taċ-ċittadini tal-Unjoni u tindirizza ż-żieda fl-inugwaljanzi tas-saħħa bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom***. **[Em. 8]**

(6) Ir-Regolament (UE) Nru […] jistabbilixxi l-qafas għall-azzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u l-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF), u jistabbilixxi b'mod partikolari l-għanijiet ta' politika u r-regoli dwar il-programmazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll għall-fondi tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni kondiviża. Għalhekk hemm bżonn jiġu speċifikati l-għanijiet ġenerali tal-FSE+ ***u l-koordinazzjoni tiegħu ma' fondi oħrajn***, u jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tip ta' attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FSE+. **[Em. 9]**

(7) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] (ir-"Regolament Finanzjarju") jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, l-akkwist, l-implimentazzjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji ***u s-sinerġiji bejn l-istrumenti finanzjarji***. Biex tkun żgurata koerenza fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, ir-Regolament Finanzjarju jenħtieġ jiġi applikat għall-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati b'ġestjoni diretta jew indiretta permezz tal-FSE+. ***Jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-objettivi operattivi u jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-azzjonijiet eliġibbli li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FSE+ fi ħdan ġestjoni diretta u indiretta.*** **[Em. 10]**

(8) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni permezz tar-Regolament jenħtieġ jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jilħqu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Għall-għotjiet, dan jenħtieġ iqis l-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju Biex jiġu implimentati miżuri marbuta ~~mal-integrazzjoni~~ ***mal-inklużjoni*** soċjoekonomika taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi, u skont l-[Artikolu 88] tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid), il-Kummissjoni tista' tirrimborża lill-Istati Membri li jużaw alternattivi ssimplifikati tal-ispejjeż, inkluż l-użu ta' somom f'daqqa. **[Em. 11]**

(9) Biex jiġi razzjonalizzat u ssimplifikat ix-xenarju ta' finanzjament u jinħolqu opportunitajiet addizzjonali għal sinerġiji permezz ta' approċċi ta' finanzjament integrati, l-azzjonijiet appoġġati mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ("FEAD"), mill-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-Unjoni Ewropea u mill-Programm għall-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa jenħtieġ jiġu integrati fl-FSE+. Għalhekk jenħtieġ li l-FSE+ ikun jinkludi tliet fergħat. il-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+, il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-fergħa tas-Saħħa ***taħt ġestjoni diretta u indiretta***. Dan jenħtieġ jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż finanzjarju marbut mal-ġestjoni ta' fondi differenti, b'mod partikolari għall-Istati Membri ***u l-benefiċjarji***, filwaqt li jżomm regoli aktar sempliċi għal operazzjonijiet aktar sempliċi bħad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika. **[Em. 12]**

---

([4]) Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(10) ***L-Unjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri billi tħeġġeġ il-kooperazzjoni u billi tikkomplementa l-azzjoni tagħhom.*** Fid-dawl ta' dan il-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-FSE+, jixraq jiġi previst li l-għanijiet biex ~~titjieb~~ ***tittejjeb*** l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol ***inklużivi, miftuħa u ġusti għall-ġeneri kollha*** u jkun promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, biex jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ***, tiġi megħjuna r-riintegrazzjoni fis-sistemi edukattivi u jitħeġġeġ it-tagħlim tul il-ħajja,*** u jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u s-saħħa, u biex ~~jonqos l-faqar, ma jkunux~~ ***jinqered il-faqar ikomplu jiġu*** implimentati ~~biss~~ ***prinċipalment*** b'ġestjoni kondiviża, ~~iżda anki~~ ***u fejn xieraq, jiġu kkomplementati*** b'ġestjoni diretta u indiretta permezz tal-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa għall-azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-Unjoni. **[Em. 13]**

(11) L-integrazzjoni tal-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa mal-FSE+ se toħloq ukoll sinerġiji bejn l-iżviluppi u l-ittestjar ta' inizjattivi u politiki li jtejbu l-effikaċja, ***l-aċċessibbiltà,*** ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa żviluppati mill-fergħa tas-Saħħa tal-Programm tal-FSE+ u l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri ***fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali*** bl-għodod provduti mill-fergħat l-oħra tar-Regolament dwar l-FSE+. **[Em. 14]**

(12) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-FSE+. ~~Jenħtieġ li partijiet minn dan il-pakkett finanzjarju jintużaw~~ ***Dan għandu jispeċifika l-allokazzjonijiet għall-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni kondiviża u l-allokazzjonijiet*** għal azzjonijiet li jridu jiġu implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta ~~permezz tal-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa~~. **[Em. 15]**

(13) Jenħtieġ li l-FSE+***, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri,*** ikollu l-għan li jippromwovi l-impjiegi b'interventi attivi li jippermettu ~~r-(ri)integrazzjoni~~ ***l-integrazzjoni u r-riintegrazzjoni*** fis-suq tax-xogħol, speċjalment għaż-żgħażagħ, il-persuni qiegħda fit-tul***, il-persuna li jipprovdu kura,*** u ~~l-persuni~~ ***l-kategoriji ekonomikament*** inattivi ***u żvantaġġati***, kif ukoll permezz ~~ta' promozzjoni~~ ***tal-promozzjoni*** tal-impjiegi indipendenti, ***tal-imprenditorjat,*** u l-ekonomija soċjali. Il-FSE+ jenħtieġ li jkollu l-għan li jtejjeb ~~il-funzjonament~~ ***il-politiki dwar l-impjiegi u l-funzjonament*** tas-swieq tax-xogħol billi jappoġġa l-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi ħalli jitjiebu l-kapaċitajiet tagħhom li jipprovdu pariri u gwida mmirati ~~u~~, intensifikati ***u personalizzati, fejn ikun xieraq,*** waqt it-tiftix tal-impjiegi u t-tranżizzjoni għax-xogħol***, b'attenzjoni speċjali għall-kategoriji żvantaġġati*** u biex ~~titjieb il-mobbiltà~~ ***tiġi ffaċilitata l-mobbiltà*** tal-ħaddiema***, u biex jipprovdu s-servizz tagħhom b'mod mhux diskriminatorju***. Il-FSE+ jenħtieġ jippromwovi s-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri bil-għan li jiżguraw, fost l-oħrajn, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja u l-aċċess ***faċli*** għall-indukrar tat-tfal***, għall-kura tal-anzjani u għal servizzi oħra ta' kura ta' kwalità affordabbli jew bla ħlas jew appoġġ ta' kwalità għolja***. L-FSE+ jenħtieġ ukoll li jkollu l-għan li jipprovdi ambjent ~~lavorattiv~~ ***tax-xogħol sikur,*** san u adattat sew biex iwieġeb għar-riskji tas-saħħa relatati ma' forom tax-xogħol ***kif ukoll ma' forom tax-xogħol*** li qed jinbidlu u l-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol li qed tixjieħ. ***L-FSE+ jenħtieġ li jappoġġa wkoll miżuri li għandhom l-għan li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni għall-impjieg.*** **[Em. 16]**

***(13a) Sabiex jappoġġa u jiġi sfruttat il-potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija soċjali, l-FSE+ jenħtieġ li jgħin biex itejjeb l-integrazzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fi pjanijiet nazzjonali għall-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali, kif ukoll il-programmi ta' riforma nazzjonali tiegħu. Id-definizzjoni ta' intrapriża tal-ekonomija soċjali jenħtieġ li ssegwi d-definizzjonijiet fil-liġijiet dwar l-ekonomija soċjali tal-Istati Membri kif ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa.*** **[Em. 17]**

(14) ~~Jenħtieġ li~~ ***Billi*** l-FSE+ ***huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni ddedikat għall-impjieg u l-ħiliet, u l-inklużjoni soċjali, huwa essenzjali li jkun jista' jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, madwar l-Unjoni kollha. Għal dak il-għan, jenħtieġ li huwa*** jipprovdi appoġġ biex jitjiebu l-kwalità, ***in-natura mhux diskriminatorja, l-aċċessibbiltà, l-inklużività,*** l-effikaċja u r-rilevanza fis-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' kompetenzi ewlenin, l-aktar b'rabta mal-ħiliet ***lingwistiċi, ta' intraprenditorija u*** diġitali***, inklużi ħiliet dwar il-protezzjoni tad-data u l-governanza tal-informazzjoni,*** li kull individwu jeħtieġ għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, l-impjieg, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva. ***Fil-każ ta' persuni qiegħda fit-tul u ta' persuni bi sfond soċjali żvantaġġat, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali sabiex dawn jingħataw is-setgħa***. L-FSE+ jenħtieġ jgħin fil-progressjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fit-tranżizzjoni għax-xogħol ***u r-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol***, jappoġġa t-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabbiltà ***ta' kulħadd***, u jikkontribwixxi ~~għall-kompetittività~~ ***għall-inklużività, il-kompetittività, it-tnaqqis tas-segregazzjoni orizzontali u vertikali*** u l-innovazzjoni ekonomika u soċjetali billi jappoġġa inizjattivi skalabbli u sostenibbli f'dawn l-oqsma. Dan jista' jinkiseb pereżempju permezz ta' ***investimenti fl-edukazzjoni vokazzjonali,*** tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol

u apprendistati, ~~iggwidar~~***, b'enfasi partikolari fuq is-sistema duwali ppruvata b'suċċess li tikkombina t-tagħlim mal-esperjenza tax-xogħol***, ***l-iggwidar*** tul il-ħajja, ~~antiċipazzjoni~~ ***l-antiċipazzjoni*** tal-ħiliet b'koperazzjoni ~~mal-industrija~~ ***mas-sħab soċjali***, materjali aġġornati tat-taħriġ, previżjonijiet u monitoraġġ ~~dwar is-sitwazzjoni~~ ***tal-perkorsi*** tal-gradwati, taħriġ tal-edukaturi, ***appoġġ għat-tagħlim formali u informali,*** validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, u rikonoxximent tal-kwalifiki. ***L-FSE+ jenħtieġ li jippromwovi wkoll l-aċċess tal-minoranzi għall-professjoni tal-għalliema, filwaqt li jimmira lejn integrazzjoni aħjar tal-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-minoranzi u l-migranti.*** **[Em. 18]**

***(14a) L-FSE+ jenħtieġ li jipprovdi appoġġ għall-miżuri inklużi fil-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri li għandhom l-għan li jeradikaw il-faqar enerġetiku u li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika tal-bini fost unitajiet domestiċi vulnerabbli, inklużi dawk affettwati mill-faqar enerġetiku u, fejn xieraq, fl-akkomodazzjoni soċjali, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" u f'konformità mar-Regolament ((UE) 2018/1999) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Unjoni [5] tal-Enerġija fil-Governanza u d-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill [6].*** **[Em. 19]**

***(14b) Fil-ġejjieni jenħtieġ li l-fondi mill-FSE+ lill-Istati Membri jkunu marbuta mal-għoti ta' prova ta' parteċipazzjoni effikaċi fi proġetti relatati mal-introduzzjoni jew mat-tisħiħ, fil-kuntest tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, tas-sistema duwali ta' tagħlim li tikkombina t-tagħlim mal-esperjenza tax-xogħol.*** **[Em. 20]**

(15) L-appoġġ permezz tal-FSE+ jenħtieġ jintuża biex jippromwovi l-aċċess indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, inklużivi u mhux segregati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija***, b'attenzjoni speċjali għat-tfal bi sfond soċjali żvantaġġat, bħat-tfal f'kura istituzzjonali u t-tfal bla dar,*** sal-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali u li jibqa' sejjer sal-livell terzjarju ***u r-riintegrazzjoni fis-sistema edukattiva*** u l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti, biex ***jiġi evitat li l-faqar jiġi trażmess minn ġenerazzjoni għall-oħra, biex*** titrawwem il-permeabbiltà bejn is-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ~~ikun~~ ***jitnaqqas u jkun*** evitat it-tluq bikri mill-iskola ***u l-esklużjoni soċjali***, jitjieb il-litteriżmu dwar is-saħħa, jissaħħu r-rabtiet mat-tagħlim mhux formali u informali, u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tat-tagħlim għal kulħadd. ***Jenħtieġ li dawk il-forom ta' tagħlim informali ma jeħdux post l-aċċess għall-edukazzjoni regolari, b'mod partikolari l-edukazzjoni preprimarja u primarja.*** F'dan il-kuntest jenħtieġ jiġu ~~appoġġati~~ ***stabbiliti*** s-sinerġiji ***, il-komplementarjetà u l-koerenza tal-politiki*** mal-programm Erasmus, ~~l-aktar biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' studenti~~ ***sabiex l-istudenti*** żvantaġġati ***jkunu jistgħu jintlaħqu u jitħejjew b'mod xieraq u attiv għal esperjenzi ta' mobbiltà f'pajjiżi barranin u tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom*** fil-mobilità tat-tagħlim ***transfruntiera***. **[Em. 21]**

***(15a) L-appoġġ skont il-prijorità ta' investiment "żvilupp lokali mmexxi mill-komunità" jikkontribwixxi għall-objettivi kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità bl-appoġġ tal-FSE+ ikunu inklużivi fir-rigward ta' persuni żvantaġġati preżenti fit-territorju, kemm f'termini ta' governanza tal-grupp ta' azzjoni lokali u wkoll f'termini ta' kontenut tal-istrateġija. L-FSE jenħteiġ li jkun jista' jagħti appoġġ lill-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità fiż-żoni urbani u rurali, kif ukoll lill-investimenti territorjali integrati.*** **[Em. 22]**

***(15b) Il-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni jinsab partikolarment fl-approċċ ta' dimensjoni territorjali bbażata fuq il-post, fil-governanza f'diversi livelli, fl-ippjanar pluriennali u fl-għanijiet kondiviżi u li jistgħu jitkejlu, fl-approċċ ta' żvilupp integrat u fil-konverġenza lejn l-istandards Ewropej fil-kapaċitajiet amministrattivi.*** **[Em. 23]**

[5] *Regolament UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).*

[6] *Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).*

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

*(15c)* ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi hija prinċipju vinkolanti fil-fażijiet kollha ta' programmazzjoni, mit-tfassil tal-prijoritajiet tal-programmi operazzjonali sal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u li l-azzjonijiet ewlenin għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jirċievu appoġġ.*** [Em. 24]

*(15d)* ***Il-FSE+ jenħtieġ li jappoġġa skemi edukattivi li joffru lill-adulti livell baxx ta' ħiliet il-possibbiltà li jiksbu livell minimu ta' litteriżmu, numeriżmu u kompetenza diġitali f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti*** ([7])***.*** **[Em. 25]**

(16) L-FSE+ jenħtieġ jippromwovi opportunitajiet flessibbli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għal kulħadd, ***filwaqt li jqis l-isfidi ta' gruppi soċjali żvantaġġati differenti,*** l-aktar tal-ħiliet ***intraprenditorjali u*** diġitali u teknoloġiji abilitanti ewlenin, biex il-persuni ***u l-komunitajiet lokali*** jiksbu l-ħiliet***, il-kompetenzi u l-għarfien*** adattati għad-diġitalizzazzjoni, l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u l-bidla soċjali u ekonomika, ***bħal dawk ikkawżati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju,*** jiġu ffaċilitati ~~t-tranżizzjonijiet~~ ***t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg*** u l-mobbiltà ~~tal-karrieri~~, u jiġu appoġġati b'mod partikolari ~~l-adulti~~ ***l-persuni*** b'livell baxx ta' ħiliet***, il-persuni b'diżabilità*** u/jew ***l-adulti*** b'livell baxx ta' kwalifiki, b'konformità mal-Aġenda għall-Ħiliet tal-Ewropa ***u f'koordinazzjoni u komplementarjetà mal-Programm Ewropa Diġitali*** **[Em. 26]**.

(17) Is-sinerġiji mal-programm Orizzont Ewropa jenħtieġ li jiżguraw li l-FSE+ jkun jista' jintegra u jsaħħaħ il-kurrikuli innovattivi appoġġati mill-Orizzont Ewropa ħalli n-nies jingħataw il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa ***għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom u*** għall-impjiegi tal-futur ***u ħalli jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri tas-soċjetà. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura sinerġiji bejn il-Fergħa tas-Saħħa u l-programm Orizzont Ewropa sabiex tingħata spinta lir-riżultati miksuba fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard.*** **[Em. 27]**

*(17a)* ***Is-sinerġiji mal-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri jenħtieġ li jiżguraw li l-FSE+ ikun jista' jintegra u jintensifika l-azzjonijiet biex jiġu evitati u miġġielda d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu u l-iżlamofobija u forom oħra ta' intolleranza, kif ukoll li jiddedika azzjonijiet speċifiċi biex jiġu evitati l-mibegħda, is-segregazzjoni u l-istigmatizzazzjoni, inklużi l-bullying, il-fastidju u t-trattament intolleranti.*** **[Em. 28]**

*(17b)* ***Is-sinerġiji maħluqa bis-saħħa tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, anke f'livell reġjonali u transfruntier, ħolqu wkoll proġetti ta' kooperazzjoni għat-titjib tal-impjiegi, l-inklużjoni tas-sezzjonijiet l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni, l-isfidi demografiċi, is-saħħa u l-edukazzjoni, mhux biss fl-Unjoni iżda wkoll ma' pajjiżi li jinsabu fil-fażi ta' qabel l-adeżjoni u pajjiżi ġirien, fejn il-kooperazzjoni tal-Unjoni tagħti valur miżjud. L-FSE+ għandu jtejjeb il-finanzjament ta' dan it-tip ta' proġetti kif ukoll jiżgura t-trasferiment tal-għarfien bejniethom u l-proċess leġiżlattiv biex itejjeb il-qafas regolatorju Ewropew kif ukoll l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn it-territorji tal-Unjoni.*** **[Em. 29]**

(18) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri ~~jindirizzaw il-faqar~~ ***fil-livelli kollha tal-gvern inkluż fil-livell reġjonali u lokali biex jeqirdu l-faqar, inkluż il-faqar enerġetiku kif previst fir-Regolament (UE) 2018/1999***, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ***inaqqsu l-ostakoli,*** jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi ***soċjali u*** tas-saħħa. Dan ifisser ***ukoll, iżda mhux biss,*** li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki***u strateġiji proattivi u reattivi*** mmirati għall-aktar persuni fil-bżonn tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma***, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni bla dar, iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi, inklużi l-migranti u*** l-ħaddiema foqra. Jenħtieġ li l-FSE+ jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol ħalli tkun żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom***, inkluż permezz ta' appoġġ immirat għall-ekonomija soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-azzjonijiet tal-FSE+ li jikkomplementaw miżuri nazzjonali f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol*** ([8])***, inklużi miżuri ta' għajnuna għal introjtu adegwat.*** Jenħtieġ li l-FSE+ jintuża wkoll biex ~~jitjieb~~ ***itejjeb*** l-aċċess fil-ħin u indaqs għal servizzi affordabbli, sostenibbli u ta'

*([7]) ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1.*

*([8]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11).*

kwalità għolja bħall-kura tas-saħħa ***ffukata fuq il-persuni, il-kura relatata*** u l-kura fit-tul, b’mod partikolari s-servizzi tal-kura tal-familja u bbażata fuq il-komunità ***u s-servizzi li jiggwidaw l-aċċess għal servizzi ta’ akkomodazzjoni soċjali adegwata u affordabbli. Dan jinkludi servizzi ta’ promozzjoni tas-saħħa u ta’ prevenzjoni tal-mard bħala parti mis-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja.*** Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali b’mod partikolari biex tiġi promossa l-aċċessibbiltà***, l-inklużività u l-effettività*** tagħhom ***fl-indirizzar tar-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol. L-FSE jenħtieġ li jindirizza wkoll il-faqar rurali li jirriżulta mill-iżvantaġġi speċifiċi taż-żoni rurali, bħal sitwazzjoni demografika mhux favorevoli, suq tax-xogħol dgħajjef, aċċess limitat għas-servizzi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jew servizzi tal-kura tas-saħħa u soċjali.*** [Em. 30]

(19) Jenħtieġ li l-FSE+ jikkontribwixxi biex ~~jonqos~~ ***jinqered*** il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta’ appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni ***foqra jew*** fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. ~~Bil-ħsieb li mill-inqas 4 % tar-riżorsi tal-fergħa b’ġestjoni kondiviża tal-FSE+ fil-livell tal-Unjoni jappoġġaw lill-aktar persuni fil-bżonn,~~ l-Istati Membri jenħtieġ jallokaw għall-inqas ~~2 %~~ **3 %** tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa b’ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex ~~jindirizzaw il-forom~~ ***jiġġieldu l-forom*** tal-faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħan-nuqqas ta’ akkomodazzjoni, il-faqar tat-tfal***, il-faqar fix-xjuħija*** u l-privazzjoni alimentari. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet u t-tip ta’ riċevituri finali, jenħtieġ jiġu applikati ***l-aktar*** regoli ~~aktar~~ sempliċi ***possibbli*** għall-appoġġ li ~~jindirizzata~~ ***jindirizza*** l-privazzjoni materjali tal-aktar persuni fil-bżonn. **[Em. 31]**

***(19a) L-FSE+ jenħtieġ li jkollu l-għan li jindirizza l-faqar fost in-nisa anzjani madwar l-Unjoni, filwaqt li jqis li d-diskrepanza fil-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, li hija ta’ 40 %, tikkostitwixxi riskju akut għal-livelli li qed jiżżienu tal-faqar fost in-nisa anzjani, speċjalment dawk li jgħixu mingħajr sieħeb, u b’hekk qed issegwi l-impenji li saru fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 dwar “Opportunitajiet ta’ dħul ugwali għan-nisa u l-irġiel: Intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel” (9). Il-faqar fost in-nisa anzjani huwa aggravat ukoll mill-ispejjeż li qed jiżdiedu għall-kura tas-saħħa u l-mediċini li l-pazjenti anzjani jkollhom iħallsu minn buthom, speċjalment nisa li jqattgħu proporzjon matul il-ħajja tagħhom morda akbar mill-irġiel l-aktar minħabba stennija tal-għomor itwal.*** [Em. 32]

***(19b) Biex jiġġieled kontra l-faqar u sabiex itejjeb l-inklużjoni soċjali, l-FSE+ jenħtieġ li jippromwovi l-parteċipazzjoni attiva tal-NGOs speċjalizzati, kif ukoll ta’ organizzazzjonijiet ta’ persuni li jgħixu fil-faqar, kemm fit-tħejjija kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-programmi speċifiċi.*** [Em. 33]

(20) Fid-dawl tal-ħtieġa persistenti li jiżdiedu l-isforzi li jindirizzaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji fl-Unjoni kollha kemm hi u biex ikun żgurat appoġġ koerenti, b’saħħtu u konsistenti għall-isforzi ta’ solidarjetà u ta’ qsim ***ġust*** tar-responsabbiltà, l-FSE+ jenħtieġ jipprovdi appoġġ li jippromwovi l-integrazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi***, inklużi migranti, li jista’ jinkludi inizjattivi fil-livell lokali,*** b’mod kumplimentarju għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil***, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dawk il-fondi li jista’ jkollhom effett pożittiv fuq l-inklużjoni taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi.*** [Em. 34]

***(20a) L-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni tal-FSE+ jenħtieġ li jikkoordinaw mal-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri biex jimmaniġġjaw l-interventi tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil sabiex jippromwovu l-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-livelli kollha bl-aħjar mod possibbli permezz ta’ strateġiji implimentati l-aktar mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u organizzazzjonijiet mhux governattivi u bl-aktar miżuri xierqa mfassla għas-sitwazzjonijiet partikolari taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-miżuri ta’ integrazzjoni jenħtieġ li jiffoka fuq ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru jew fejn ikun xieraq fil-proċess ta’ akkwist ta’ residenza legali fi Stat Membru, inklużi benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali.*** [Em. 35]

---

(9) ***http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9302-2015-INIT/mt/pdf***

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(21) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa riformi tal-politiki u tas-sistemi fl-oqsma tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, ***il-qerda tal-faqar,*** il-kura tas-saħħa u fit-tul, u l-edukazzjoni u t-taħriġ. Biex jissaħħaħ l-allinjament mas-Semestru Ewropew, l-Istati Membri jenħtieġ jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi relatati mal-isfidi strutturali, li jixraq jiġu indirizzati b'investimenti multiannwali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ ***li jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex*** jiżguraw koerenza, koordinazzjoni u kumplimentarjetà bejn il-fergħat b'ġestjoni kondiviża u tas-Saħħa tal-FSE+ u l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jenħtieġ jiżguraw li f'kull stadju tal-proċess issir koordinazzjoni effettiva ħalli jkunu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fost is-sorsi tal-finanzjament, inkluż l-assistenza teknika tagħha***, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont is-Semestru Ewropew, l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO, u l-ispeċifiċitajiet reġjonali biex b'hekk jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-TFUE fir-rigward tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali***. **[Em. 36]**

***(21a) B'kunsiderazzjoni tad-diversità tal-livell ta' żvilupp fir-reġjuni u r-realtajiet soċjali differenti madwar l-Unjoni, il-grad ta' flessibbiltà tal-FSE+ jenħtieġ li jkun biżżejjed biex iqis l-ispeċifiċitajiet reġjonali u territorjali.*** **[Em. 37]**

(22) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta 'l quddiem kif xieraq u li ammont minimu tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw mill-inqas ~~25 %~~ ***27 %*** tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex irawmu l-inklużjoni soċjali ***u l-qerda tal-faqar***. ***Dak il-perċentwal jenħtieġ li jkun komplementarji għar-riżorsi nazzjonali biex jiġi indirizzat il-faqar estrem.*** **[Em. 38]**

***(22a) L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), li tikkostitwixxi l-istandard fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal hija objettiv espliċitu tal-politiki tal-Unjoni (Artikolu 3 tat-Trattat ta' Lisbona), u l-Karta tirrikjedi li l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-ewwel kunsiderazzjoni fl-azzjonijiet kollha tal-Unjoni. L-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu xieraq tal-FSE+ biex jiksru ċ-ċiklu ta' żvantaġġ għat-tfal li jgħixu fil-faqar u f'esklużjoni soċjali, kif iddefinit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013 dwar l-Investiment fit-Tfal. L-FSE+ jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet li jippromwovu interventi effettivi li jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tat-tfal.*** **[Em. 39]**

***(22b) Fid-dawl tal-livell persistentement għoli ta' faqar tat-tfal u tal-esklużjoni soċjali fl-Unjoni (26,4 % fl-2017), u tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jiddikjara li t-tfal għandhom id-dritt għal protezzjoni mill-faqar, u t-tfal bi sfond żvantaġġat għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi li jsaħħu l-opportunitajiet indaqs, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ lill-iskema Garanzija Ewropea għat-Tfal sabiex jikkontribwixxu għall-aċċess ugwali tat-tfal għall-kura tas-saħħa mingħajr ħlas, edukazzjoni mingħajr ħlas, kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomadazzjoni diċenti u nutrizzjoni adegwata, għall-qerda tal-faqar tat-tfal u tal-esklużjoni soċjali. L-investiment bikri fit-tfal iwassal għal riżultati sinifikanti għat-tfal u s-soċjetà kollha kemm hi u huwa kruċjali biex jikser iċ-ċiklu ta' żvantaġġ fis-snin bikrija. L-għoti ta' appoġġ lit-tfal biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kapaċitajiet jippermettilhom jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom, filwaqt li jġibilhom l-aqwa eżiti edukattivi u tas-saħħa, u jgħinhom isiru membri attivi tas-soċjetà u sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol bħala żgħażagħ.*** **[Em. 40]**

(23) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ ***(NEETs), liema livelli huma saħansitra ogħla fil-każ ta' żgħażagħ bi sfond soċjali żvantaġġat***, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu ~~biżżejjed~~ riżorsi ***adegwati*** tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ f'azzjonijiet li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, ~~inkluż~~ ***b'mod partikolari*** bl-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Filwaqt li jsejsu fuq l-azzjonijiet appoġġati mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 immirati għal persuni individwali, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu aktar il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol u tal-edukazzjoni ***ta' kwalità għolja*** u miżuri ***effettivi*** ta' kuntatt maż-żgħażagħ billi meta rilevanti jagħtu prijorità liż-żgħażagħ qiegħda ***fit-tul***, inattivi u żvantaġġati ~~fit-tul~~,

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

***żgħażagħ li huma l-aktar diffiċli li jintlaħqu u żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli,*** inkluż b'ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ. L-Istati Membri jenħtieġ jinvestu wkoll f'miżuri mmirati li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol kif ukoll li jirriformaw u jadattaw is-servizzi tal-impjiegi ħalli jipprovdu appoġġ personalizzat liż-żgħażagħ ***u jipprovdu s-servizz tagħhom mingħajr l-ebda forma ta' diskriminazzjoni***. ~~Għalhekk~~ L-Istati Membri ~~kkonċernati~~ jenħtieġ jallokaw mill-inqas ~~10 %~~ ***3 %*** tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa ~~b'ġestjoni kondiviża~~ tal-FSE+ biex jappoġġaw ~~l-impjegabbiltà~~ ***politiki fil-qasam tal-impjegabbiltà*** taż-żgħażagħ***, l-edukazzjoni kontinwata, l-impjiegi ta' kwalità, l-apprendistati u t-traineeships. L-Istati Membri b'rata tan-NEETs ogħla mill-medja tal-Unjoni, jew ta' aktar minn 15 %, jenħtieġ li jallokaw tal-inqas 15 % tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-FSE+ biex jappoġġaw politiki f'dan il-qasam, li jaġixxu fil-livell territorjali xieraq***. **[Em. 41]**

***(23a) Billi d-disparitajiet fuq livell subreġjonali qed jiżdiedu, inkluż fir-reġjuni l-aktar għonja li għandhom żoni żgħar ta' faqar.*** **[Em. 42]**

***(23b) Minħabba l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+, il-kompiti supplimentari jenħtieġ li jiġu akkoppjati b'baġit akbar sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Programm. Jinħtieġ aktar finanzjament sabiex jiġu miġġielda l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-faqar u għall-appoġġ tal-iżvilupp professjonali u t-taħriġ, speċjalment fil-post tax-xogħol diġitali, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*** **[Em. 43]**

***(23c) Il-EURES jenħtieġ li jissaħħaħ fuq bażi fit-tul, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp komprensiv tal-pjattaforma tal-internet u tal-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu aktar effiċjenti mill-mudell eżistenti u jippubblikaw il-postijiet battala kollha li jkollhom fis-sistema tal-EURES.*** **[Em. 44]**

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** jiżguraw il-koordinazzjoni u l-kumplimentarjetà ***u jisfruttaw is-sinerġijai*** bejn l-azzjonijiet appoġġati ~~minn dawn il-Fondi~~ ***mill-FSE+ u mill-programmi u l-istrumenti l-oħrajn tal-Unjoni bħall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, l-Erasmus, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, Orizzont Ewropa, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Programm Ewropa Diġitali, u l-programmi InvestUE u Ewropa Kreattiva jew il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà***. **[Em. 45]**

(25) B'konformità ~~mal-Artikolu~~ ***mal-Artikoli*** 349 ***u 174*** tat-TFUE u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994, ir-reġjuni ultraperiferiċi ~~u r-reġjuni~~***, ir-reġjuni*** tat-Tramuntana b'popolazzjoni baxxa ***u l-gżejjer*** huma intitolati għal miżuri speċifiċi skont politiki komuni u programmi tal-UE. Minħabba ~~l-limitazzjonijiet~~ ***li jsofru minn żvantaġġi naturali gravi u*** permanenti, dawn ir-reġjuni jeħtieġu appoġġ speċifiku. **[Em. 46]**

***(25a) Skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki speċifiċi li jindirizzaw ir-restrizzjonijiet u d-diffikultajiet esperjenzati mir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi demografiċi gravi u permanenti, bħar-reġjuni depopolati u r-reġjuni b'popolazzjoni baxxa.*** **[Em. 47]**

(26) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE+ hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn ~~l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti~~ ***l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali*** u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk hu essenzjali li l-Istati Membri ~~jħeġġu l-parteċipazzjoni~~***, fi sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, jiżguraw parteċipazzjoni sinifikanti*** tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili ~~fl-implimentazzjoni tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża~~***, l-organizzazzjonijiet, il-korpi responsabbli mill-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u organizzazzjonijiet rilevanti jew rappreżentattivi oħrajn fil-programmazzjoni u t-twettiq*** tal-FSE+***, mit-tfassil tal-prijoritajiet għall-programmi operazzjonali sal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-riżultati u l-impatt, f'konformità mal-Kodiċi tal-Kondotta Ewropew fil-qafas tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej stabbilit mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014*** ([10])***. Barra minn hekk, sabiex jiġu ssalvagwardjati n-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs, il-korpi tal-ugwaljanza u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jenħtieġ li jkunu involuti wkoll f'kull stadju.*** **[Em. 48]**

---

([10]) *Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).*

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

***(26a) Governanza tajba u sħubija bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u s-sħab jirrikjedu l-użu effettiv u effiċjenti tal-bini ta' kapaċità għall-partijiet ikkonċernati, li l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw lilhom ammont xieraq ta' riżorsi tal-FSE+. Peress li l-investiment fil-kapaċità istituzzjonali u fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali bil-għan li jkun hemm riformi, regolamentazzjoni aħjar u governanza tajba, ma baqax inkluż bħala għan operazzjonali tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża, iżda ġie inkluż fil-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali, jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn iż-żewġ strumenti.*** **[Em. 49]**

(27) Biex il-politiki jkunu kapaċi aktar iwieġbu għall-bidla fis-soċjetà u biex jitħeġġu u jkunu appoġġati s-soluzzjonijiet innovattivi***, inkluż fil-livell lokali,*** l-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali ***u għall-ekonomija soċjali*** hu kruċjali. B'mod partikolari, l-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi qabel ma jiġu estiżi huma strumentali biex tittejjeb l-effiċjenza tal-politiki u b'hekk ikun iġġustifikat appoġġ speċifiku mill-FSE+. **[Em. 50]**

***(27a) Bil-għan li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' kooperazzjoni transsettorjali, u jittejbu s-sinerġiji u l-koerenza ma' oqsma ta' politika oħrajn biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali tiegħu, l-FSE+ jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet innovattivi li jużaw l-isport, l-attività fiżika u l-kultura biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali, jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, itejbu l-inklużjoni soċjali ta' gruppi marġinalizzati u jippromwovu s-saħħa tajba u l-prevenzjoni tal-mard.*** **[Em. 51]**

(28) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ jiżguraw li l-FSE+ jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa b'konformità mal-Artikolu 8 tat-TFUE biex titrawwem l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż fejn jidħlu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjiegi u l-progressjoni tal-karriera. ***L-aspetti tal-ġeneru jenħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-programmi kollha implimentati, tul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-FSE+ jenħtieġ li b'mod partikolari jikkonforma mal-Artikolu 21 tal-Karta li jistipula li għandha tkun ipprojbita kull diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi bħall-ġeneru, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali; barra minn hekk, kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-karatteristiċi tas-sess jew l-identità tal-ġeneru u fuq il-bażi tan-nazzjonalità jenħtieġ li tkun ipprojbita wkoll. L-Istati Membri u l-Kummissjoni*** jenħtieġ ***li*** jiżguraw ukoll li l-FSE+ ~~jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni b'konformità mal-Artikolu 10 tat-TFUE u~~ jippromwovi l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà b'mod ugwali bħall-oħrajn u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà***, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-edukazzjoni, ix-xogħol, l-impjieg u l-aċċessibilità universali***. Jenħtieġ li dawn il-prinċipji jitqiesu fid-dimensjonijiet kollha u fl-istadji kollha tat-tħejjija, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi, fil-ħin u b'mod konsistenti filwaqt li jkun żgurat li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs. L-FSE+ jenħtieġ ukoll jippromwovi t-tranżizzjoni mill-kura ~~residenzjali/~~istituzzjonali għal kura tal-familja u bbażata fuq il-komunità, b'mod partikolari għal dawk li jġarrbu diskriminazzjoni multipla ***u intersezzjonali***. Jenħtieġ li l-FSE+ ma jappoġġax azzjonijiet li jikkontribwixxu għal segregazzjoni jew esklużjoni soċjali. Ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] jistipula li r-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa jridu ***jkunu konformi mal-Karta u*** jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, b'ċerti eċċezzjonijiet li għalihom jeħtieġ jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+. **[Em. 52]**

***(28a) L-użu ta' indikaturi reġjonali għandu jiġi kkunsidrat sabiex id-differenzi subreġjonali jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati aħjar.*** **[Em. 53]**

***(28b) L-FSE+ jenħtieġ li jappoġġa l-istudju tal-lingwi fit-trawwim ta' fehim reċiproku u għall-bini ta' soċjetà inklużiva, anke permezz ta' adozzjoni usa' mill-Istati Membri tas-sett ta' għodod għal appoġġ lingwistiku għar-rifuġjati żviluppat mill-Kunsill tal-Ewropa.*** **[Em. 54]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(29) Biex jonqos il-piż amministrattiv tal-ġbir tad-data ~~, l-Istati Membri jenħtieġ li~~ meta din id-data, ***possibilment maqsuma skont is-sess,*** tkun disponibbli fir-reġistri, ***l-Istati Membri jenħtieġ li jħallu lill-awtoritajiet*** ta' ġestjoni jiġbru d-data mir-reġistri ***filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** [11]***. Huwa rakkomandabbli li tkun inċentivizzata l-kontinqazzjoni tat-trażmissjoni elettronika tad-data minħabba li tgħin biex jonqos il-piż amministrattiv.*** **[Em. 55]**

(30) Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, il-kontrolluri nazzjonali tad-data jenħtieġ iwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan ir-Regolament b'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 .

(31) L-esperimentazzjoni soċjali hi ttestjar ta' proġett fuq skala żgħira li jippermetti l-ġbir ta' evidenza dwar il-fattibbiltà tal-innovazzjonijiet soċjali. Jenħtieġ ikun possibbli ***u jitħeġġeġ*** li l-ideat ***jiġu ttestjati fil-livell lokali u li dawk l-ideat li jkunu*** fattibbli jitwettqu fuq skala usa' - ***fejn ikun xieraq*** - jew ~~f'kuntesti~~ ***jiġu ttrasferiti lejn kuntesti*** ohra ***f'reġjuni jew Stati Membri differenti*** b'appoġġ finanzjarju mill-FSE+ ~~, kif ukoll minn~~ ***jew f'kombinazzjoni ma'*** sorsi oħrajn. **[Em. 56]**

(32) L-FSE+ jistabbilixxi dispożizzjonijiet maħsuba biex jiksbu l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema b'mod nondiskriminatorja billi jiżguraw il-koperazzjoni mill-qrib ~~bejn is-servizzi ċentrali~~ ***tas-servizzi pubbliċi*** tal-impjiegi tal-Istati Membri ~~u mal-Kummissjoni~~***, tal-Kummissjoni u tas-sħab soċjali***. In-netwerk Ewropew tas-servizzi tal-impjiegi***, bl-involviment tas-sħab soċjali,*** jenħtieġ jippromwovi funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol billi jiffaċilita l-mobbiltà transfruntiera tal-ħaddiema u aktar trasparenza tal-informazzjoni fis-swieq tax-xogħol. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' skemi mmirati tal-mobbiltà, u l-appoġġ għalihom, ħalli jimtlew il-postijiet battala meta jiġu identifikati skarsezzi fis-suq tax-xogħol. ***L-FSE+ ikopri s-sħubiji transfruntiera bejn is-sevizzi pubbliċi tal-impjiegi reġjonali u s-sħab soċjali u l-attivitajiet tagħhom biex jippromwovu l-mobbiltà, kif ukoll trasparenza u integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol transfruntiera permezz ta' informazzjoni, pariri u kollokament. F'ħafna reġjuni periferiċi huma għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-iżvilupp ta' suq tax-xogħol Ewropew ġenwin.*** **[Em. 57]**

(33) In-nuqqas ta' aċċess għal finanzi għall-mikrointrapriżi, ***l-ekonomija soċjali u*** l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali ~~u l-intrapriżi soċjali~~ hu wieħed mill-ostakli ewlenin għall-ftuħ tan-negozji, speċjalment fost l-aktar persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol. Ir-Regolament dwar l-FSE+ jistabbilixxi dispożizzjonijiet biex tinħoloq ekosistema tas-suq ħalli tiżdied il-provvista tal-finanzi ***u tas-servizzi ta' appoġġ,*** u l-aċċess għalihom, għall-intrapriżi ~~speċjali~~ ***tal-ekonomija soċjali, inkluż fis-settur kulturali u kreattiv,*** u biex titwieġeb id-domanda ta' dawk li l-aktar jeħtiġuhom, u b'mod partikolari l-persuni qiegħda, in-nisa u ~~l-persuni vulnerabbli~~ ***l-gruppi żvantaġġati*** li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw mikrointrapriża. Dan l-għan se jiġi indirizzat ukoll bi strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja permezz tat-tieqa ta' politika tal-investiment soċjali u l-ħiliet tal-Fond InvestEU. **[Em. 58]**

***(33a) Jistiednu lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tintroduċi "tikketta tal-ekonomija soċjali Ewropea" fil-livell tal-Unjoni, applikabbli għall-intrapriżi soċjali u solidali u msejsa fuq kriterji ċari mfassla biex tenfasizza l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn l-intrapriżi u l-impatt soċjali tagħhom, iżżid il-viżibilità tagħhom, tħeġġeġ l-investiment, tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament u għas-suq uniku għal dawk li jixtiequ jespandu fil-livell nazzjonali jew fi Stati Membri oħra, u fl-istess ħin tirrispetta l-varjetà ta' forom ġuridiċi u oqfsa eżistenti fis-settur u fl-Istati Membri;*** **[Em. 59]**

(34) L-atturi tas-suq tal-investiment soċjali, inkluż l-atturi filantropiċi, jistgħu jaqdu rwol ewlieni biex jintlaħqu diversi għanijiet tal-FSE+, għax dawn joffru finanzjament u approċċi innovattivi u kumplimentari għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, biex jonqos il-qgħad u jingħata kontribut għall-Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU. Għaldaqstant jenħtieġ li l-atturi filantropiċi bħall-fondazzjonijiet u d-donaturi jkunu involuti kif xieraq ***u sakemm ma jkollhomx aġenda politika jew soċjali kunfliġġenti mal-ideali tal-Unjoni,*** f'azzjonijiet tal-FSE+ b'mod partikolari dawk immirati biex jiżviluppaw l-ekosistema tas-suq tal-investiment soċjali. **[Em. 60]**

---

[11] *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

*(34a)* ***Il-kooperazzjoni transnazzjonali għandha valur miżjud sinifikanti u għalhekk jenħtieġ li tkun appoġġata mill-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni ta' każijiet iġġustifikati kif xieraq filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità. Jeħtieġ ukoll li jissaħħaħ ir-rwol tal-Kummissjoni fl-iffaċilitar ta' skambji ta' esperjenza u fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi rilevanti.*** **[Em. 61]**

(35) B'konformità mal-Artikolu 168 tat-TFUE, jenħtieġ li fid-definizzjonijiet u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. L-Unjoni jenħtieġ tikkumplimenta u tappoġġa l-politiki nazzjonali tas-saħħa, tħeġġeġ il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-programmi tagħhom, b'rispett sħiħ tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għad-definizzjonijiet tal-politiki tas-saħħa tagħhom u l-organizzazzjoni u t-twassil tas-servizzi tas-saħħa u l-kura medika.

*(35a)* ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżid il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet mhux irrappreżentati biżżejjed billi tnaqqas kemm jista' jkun l-ostakli għall-parteċipazzjoni, inkluż il-piż amministrattiv biex japplikaw għall-finanzjament u biex jirċevuh.*** **[Em. 62]**

*(35b)* ***Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni huwa li ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa billi tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa u l-kura tal-pazjent billi tiżviluppa sistema ta' informazzjoni tas-saħħa sostenibbli kif ukoll billi tappoġġa l-proċessi nazzjonali ta' riforma għal sistemi ta' saħħa aktar effettivi, aċċessibbli u reżiljenti.*** **[Em. 63]**

(36) ***Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 168 tat-TFUE jinħtieġ sforz kontinwu.*** Jekk in-nies ***kollha*** jinżammu f'saħħithom u attivi ~~aktar fit-tul~~ ***b'mod mhux diskriminatorju*** u jitħeġġu biex jieħdu rwol attiv fit-tmexxija ta' saħħithom, dan iħalli effetti pożittivi fuq is-saħħa, l-inugwaljanzi fis-saħħa, il-kwalità tal-ħajja, il-produttività, il-kompetittività u l-inklużività, filwaqt li jonqsu l-pressjonijiet fuq il-baġits nazzjonali. ***L-appoġġ favur l-innovazzjoni, inkluża l-innovazzjoni soċjali, li għandha impatt fuq is-saħħa, u r-rikonoxximent tagħha, jgħin biex tiġi ffaċċjata l-isfida tas-sostenibbiltà fis-settur tas-saħħa fil-kuntest tal-indirizzar tal-isfidi tal-bidla demografika. Barra minn hekk, l-azzjoni biex jonqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa hija importanti għall-fini għan li jinkiseb "tkabbir inklużiv".*** Il-Kummissjoni ilha impenjata li tgħin lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri tagħhom tal-iżvilupp sostenibbli (SDG), b'mod partikolari l-SDG 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età" ([12]). **[Em. 64]**

*(36a)* ***Skont id-definizzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), "Is-saħħa hija stat ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali sħiħ u mhux sempliċiment in-nuqqas ta' mard jew infermità". Biex saħħet il-popolazzjoni fl-Unjoni titjieb, huwa fundamentali li tingħata attenzjoni mhux biss lis-saħħa fiżika u lill-benesseri soċjali. Skont id-WHO, il-problemi tas-saħħa mentali jammontaw għal kważi 40 % tas-snin ta' ħajja b'diżabbiltà. Il-problemi ta' saħħa mentali huma wkoll varjati, idumu fit-tul u huma sors ta' diskriminazzjoni, u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-inugwaljanzi fis-saħħa. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika taffettwa fatturi li jiddeterminaw is-saħħa mentali, peress li l-fatturi protettivi jiddgħajfu u l-fatturi ta' riskju jiżdiedu.*** **[Em. 65]**

(37) Jenħtieġ li l-evidenza kif ukoll il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2006 jappoġġaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-ippjanar u l-ġestjoni ta' sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u reżiljenti, għal promozzjoni ta' għodod li jiżguraw aċċess universali għal kura tas-saħħa ***ffukata fuq il-persuna u kura relatata*** ta' kwalità, u għal implimentazzjoni volontarja fuq skala usa' tal-aqwa prattiki. ***Dan jinkludi servizzi ta' promozzjoni tas-saħħa u ta' prevenzjoni tal-mard bħala parti mis-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja.*** **[Em. 66]**

([12]) COM(2016)0739.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

*(37a)* ***Il-programmi preċedenti ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) u fil-qasam tas-saħħa (2008-2013 u 2014-2020), stabbiliti rispettivament bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE [13] u d-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE [14] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u bir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [15] ("il-programmi tas-saħħa preċedenti"), ġew ivvalutati b'mod pożittiv fis-sens li wasslu għal għadd ta' żviluppi u titjib importanti. Jenħtieġ li l-fergħa tas-Saħħa tal-FSE+ tibni fuq ir-riżultati miksuba mill-programm tas-saħħa preċedenti.*** **[Em. 67]**

*(37b)* ***Il-fergħa tas-Saħħa tal-FSE+ jenħtieġ li tkun mezz biex jiġu promossi azzjonijiet f'oqsma fejn hemm valur miżjud tal-Unjoni li jista' jintwera fuq il-bażi ta' dan li ġej: l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni; l-appoġġ ta' netwerks għall-kondiviżjoni tal-għarfien jew it-tagħlim reċiproku; l-appoġġ tal-kwalifiki tal-professjonisti tas-saħħa; l-indirizzar tat-theddid transfruntier biex jitnaqqsu r-riskji tagħhom u jittaffew il-konsegwenzi tagħhom; l-indirizzar ta' ċerti kwistjonijiet relatati mas-suq intern fejn l-Unjoni għandha leġittimità sostanzjali sabiex tiżgura soluzzjonijiet ta' kwalità għolja fl-Istati Membri; l-isfruttament tal-potenzjal tal-innovazzjoni fis-saħħa; azzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sistema għall-valutazzjoni komparattiva sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet informati fil-livell tal-Unjoni; it-titjib tal-effiċjenza billi tiġi evitata ħela ta' riżorsi minħabba d-duplikazzjoni, u l-ottimizzazzjoni tal-użu ta' riżorsi finanzjarji.*** **[Em. 68]**

(38) Jenħtieġ li l-fergħa tas-Saħħa tal-FSE+ tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-mard***, għad-dijanjożi bikrija*** tul il-ħajja ~~taċ-ċittadini tal-Unjoni~~ ***tal-persuni li jgħixu fl-Unjoni*** u għall-promozzjoni tas-saħħa billi jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju għas-saħħa fosthom l-użu tat-tabakk, ***it-tipjip*** u t-tipjip passiv, l-użu dannuż tal-alkoħol, ***il-fatturi ta' riskju ambjentali,*** il-konsum ta' drogi illeċiti u t-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa relatata mad-drogi, id-drawwiet ***l-obeżità u d-drawwiet*** ta' dieta ħażina għas-saħħa***, anki relatati mal-faqar*** u n-nuqqas ta' attività fiżika u t-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw stili ta' ħajja tajbin***, sensibilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika dwar il-fattur ta' riskju, interventi ta' saħħa pubblika mfassla tajjeb*** biex ~~tikkumplimenta~~ ***jonqsu l-piż u l-impatt tal-infezzjonijiet u tal-mard infettiv li jista' jiġi evitat permezz ta' tilqim, fis-saħħa ġenerali matul il-ħajja kollha biex tikkomplementa*** l-azzjoni tal-Istati Membri b'konformità mal-istrateġiji rilevanti. ***F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-edukazzjoni tas-saħħa peress li din tgħin lill-individwi u lill-komunitajiet itejbu s-saħħa tagħhom, iżidu l-għarfien tagħhom u jinfluwenzaw l-attitudnijiet tagħhom. L-isfidi tas-saħħa attwali jistgħu jiġu indirizzati b'mod effikaċi biss permezz ta' kollaborazzjoni fil-livell tal-Unjoni u ta' azzjoni kontinwa tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa.*** Il-fergħa tas-Saħħa tal-FSE+ jenħtieġ ~~tintegra~~ ***tappoġġa l-implimentazzjoni tal-liġi rilevanti tal-Unjoni, ixxerred*** mudelli effettivi tal-prevenzjoni ***u tas-sensibilizzazzjoni***, teknoloġiji innovattivi, u mudelli u soluzzjonijiet ġodda tan-negozju biex tikkontribwixxi għal sistemi tas-saħħa innovattivi***, aċċessibbli***, effiċjenti u sostenibbli tal-Istati Membri u tiffaċilita l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura ~~għaċ-ċittadini Ewropej~~ ***għall-persuni li jgħixu fl-Unjoni kemm f'żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali***. **[Em. 69]**

*(38a)* ***Sabiex jiġu implimentati l-azzjonijiet fil-fergħa tas-Saħħa, il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa l-ħolqien ta' Bord ta' Tmexxija għas-Saħħa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi modi u metodoloġiji biex l-attivitajiet relatati mas-saħħa jiġu allinjati mal-proċess tas-Semestru Ewropew, li issa huwa awtorizzat jirrakkomanda riformi għas-sistemi tas-saħħa (u fil-fatt fatturi determinanti soċjali oħra tas-saħħa) lejn aktar aċċessibbiltà u sostenibbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-kura tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali fl-Istati Membri.*** **[Em. 70]**

(39) Il-mard mhux komunikabbli jikkawża aktar minn 80 % tal-mortalità prematura fl-Unjoni, u l-prevenzjoni effettiva tinvolvi diversi ***azzjonijiet transsettorjali u*** dimensjonijiet transfruntieri. B'mod parallel, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill enfasizzaw il-ħtieġa li jonqsu kemm jista' jkun il-konsegwenzi tat-theddid transfruntier serju tas-saħħa

---

[13] *Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1).*

[14] *Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-13), ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.*

[15] *Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).*

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

pubblika, ~~bħall-mard~~ ***bħall-emissjonijiet u t-tniġġis ambjentali f'daqqa u kumulattivi, il-mard*** komunikabbli u theddid bijoloġiku, kimiku, ambjentali u mhux magħruf ieħor, billi jiġi sostnut it-tiswir tal-kapaċitajiet fit-tħejjija u r-rispons. **[Em. 71]**

***(39a) Investimenti kontinwi f'approċċi innovattivi bbażati fuq il-komunità sabiex jiġi indirizzat il-mard transfruntier bħall-epidemiji tal-HIV/AIDS, it-tuberkulożi u l-epatite virali huma vitali peress li d-dimensjoni soċjali tal-mard hija fattur ewlieni li jaffettwa l-abbiltà biex dawn jiġu indirizzati bħala epidemiji fl-Unjoni u fil-pajjiżi ġirien. Biex jintlaħqu l-objettivi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli dwar dan il-mard se tkun strumentali tmexxija politika aktar ambizzjuża u mezzi tekniċi u finanzjarji adegwati biex jiġi pprovdut rispons reġjonali sostenibbli għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, it-tuberkulożi u l-epatite fl-Ewropa.*** **[Em. 72]**

(40) Għall-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa u għas-saħħa taċ-ċittadini hi essenzjali li jonqos il-piż tal-infezzjonijiet reżistenti u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u tkun żgurata d-disponibbiltà ta' antimikrobjali effettivi***, filwaqt li madankollu jonqos l-użu tagħhom sabiex tkun tista' tiġi indirizzata r-reżistenza antimikrobjali***. **[Em. 73]**

(41) Dan l-aħħar il-Kummissjoni għamlet proposta [16] dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (HTA) biex tappoġġa l-koperazzjoni għall-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni ħalli titjieb id-disponibbiltà ta' teknoloġiji tas-saħħa innovattivi għall-pazjenti madwar l-Unjoni, isir użu aħjar tar-riżorsi disponibbli u titjieb il-prevedibbiltà tan-negozju.

(42) Minħabba n-natura speċifika ta' wħud mill-għanijiet koperti mill-fergħa tas-Saħħa tal-FSE+ u mit-tip ta' azzjonijiet permezz ta' dik il-fergħa, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw l-attivitajiet relatati ***bl-appoġġ attiv tas-soċjetà ċivili***. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet, maħtura mill-Istati Membri nfushom***, u barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif xieraq***, jiġu kkunsidrati bħala benefiċjarji identifikati għall-finijiet tal-Artikolu [195] tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid u l-għotjiet jingħataw lil dawn l-awtoritajiet mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tas-sejħiet għal proposti. **[Em. 74]**

***(42a) Sabiex tiżdied il-prestazzjoni tal-ineffiċjenzi u l-inadegwatezzi fil-monitoraġġ tal-programm, il-Kummissjoni jenħtieġ li timplimenta u tuża l-indikaturi ta' monitoraġġ speċifiċi għall-programmi u għall-azzjonijiet sabiex tiżgura li jintlaħqu l-objettivi tal-programm.*** **[Em. 75]**

***(42b) Il-programm FSE+ jenħtieġ li jindirizza l-ostakli eżistenti għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, pereżempju permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni, il-faċilitazzjoni tal-kriterji finanzjarji billi f'xi każijiet jiġi rinunzjat il-perċentwal ta' kofinanzjament, iżda wkoll permezz tal-bini ta' kapaċità tal-pazjenti, l-organizzazzjonijiet tagħhom u partijiet ikkonċernati oħra permezz tat-taħriġ u l-edukazzjoni. Il-programm għandu jkollu wkoll l-għan li jippermetti l-funzjonament tan-netwerks u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-Unjoni li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tiegħu, inklużi l-organizzazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni.*** **[Em. 76]**

***(42c) L-implimentazzjoni tal-fergħa tas-Saħħa tal-FSE+ jenħtieġ li tkun tali li jkunu rrispettati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri, għad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom u għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. Filwaqt li jirrispettaw l-obbligi tat-Trattat u r-rwol tal-Istati Membri bħala l-interlokutur primarju fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti fil-livell subnazzjonali jenħtieġ li jkunu involuti sabiex jiżguraw impatt effettiv u dejjiemi tal-politika tas-saħħa tal-Unjoni permezz tal-integrazzjoni tagħhom mal-politiki soċjali fil-prattika.*** **[Em. 77]**

[16] COM(2018)0051.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(43) In-Netwerks Ewropej ta' Referenza (l-ERNs) huma netwerks li jiġbru flimkien lill-fornituri tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa kollha biex jindirizzaw mard u kundizzjonijiet rari, bi prevalenza baxxa u kumplessi li jeħtieġu trattament speċjalizztat ħafna, u għarfien u riżorsi kkonċentrati. Dawn l-ERNs huma approvati bħala Netwerks mill-Bord tal-Istati Membri tan-Netwerks Ewropej ta' Referenza, skont il-proċedura tal-approvazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/287/UE ([17]). Għalhekk jenħtieġ li dawk in-netwerks jiġu kkunsidrati bħala benefiċjarji identifikati għall-finijiet tal-Artikolu [195] tar-Regolament Finanzjarju u l-għotjiet għall-ERNs jingħataw mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tas-sejħa għal proposti.

(44) Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tħalli impatt immedjat fuq ħajjet iċ-ċittadini, fuq l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-qafas regolatorju għall-prodotti u t-teknoloġiji mediċi (prodotti mediċinali, tagħmir mediku u sustanzi ta' oriġini umana), kif ukoll dwar il-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk, id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u t-theddid transfruntier serju tas-saħħa hu essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa fl-UE. ~~Ir-Regolament, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu, jenħtieġ jimxu paripassu mal-innovazzjoni u l-avvanzi fir-riċerka u mal-bidliet soċjetali f'dan il-qasam, filwaqt li jitwettqu l-għanijiet tas-saħħa. Għalhekk hemm bżonn żvilupp kontinwu tal-bażi tal-evidenza meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' natura xjentifika bħal din.~~ ***Barra minn hekk**, **ħafna liġijiet oħra tal-Unjoni għandhom impatti sinifikanti fuq is-saħħa bħal dawk relatati mal-ikel*** u ***mat-tikkettar tal-ikel, it-tniġġis tal-arja**, **l-interferenti endokrinali u l-pestiċidi. F'xi każijiet, l-impatti kumulattivi tal-fatturi ta' riskju ambjentali ma jinftehmux b'mod ċar, filwaqt li potenzjalment iwasslu għal riskju inaċċettabbli għas-saħħa taċ-ċittadini***. **[Em. 78]**

***(44a) Regolament b'implikazzjonijiet tas-saħħa, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu, jenħtieġ li jimxi pari passu mal-innovazzjoni u l-avvanzi fir-riċerka u mal-bidla soċjetali f'dan il-qasam, filwaqt li jibqgħu sostnuti mill-prinċipju ta' prekawzjoni, kif minqux fit-Trattati tal-UE. Għalhekk huwa meħtieġ żvilupp kontinwu tal-bażi tal-evidenza meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' natura xjentifika bħal din u, sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' skrutinju indipendenti sabiex b'hekk terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-pubbliku fil-proċessi tal-Unjoni u minħabba li, min-natura tagħha stess il-kondiviżjoni ta' din l-evidenza hija fl-interess pubbliku, jenħtieġ li jiġi ggarantit l-ogħla livell ta' trasparenza.*** **[Em. 79]**

***(44b) L-iffaċċjar tal-isfidi tas-saħħa ma jistax isir mis-settur tas-saħħa biss, peress li s-saħħa hija ddeterminata minn diversi fatturi barra minnha. Għaldaqstant, kif stipulat fit-Trattati ta' Maastricht u ta' Amsterdam, is-saħħa fil-politiki kollha hija importanti biex l-Unjoni tkun tista' tiffaċċja sfidi futuri. Madankollu, is-sensibilizzazzjoni tas-setturi l-oħra dwar l-impatti tas-saħħa tad-deċiżjonijiet tagħhom u l-integrazzjoni tas-saħħa fil-politiki tagħhom jikkostitwixxu waħda mill-akbar sfidi li bħalissa qed jiffaċċja s-settur tas-saħħa Ewropew. S'issa avvanzi importanti fis-saħħa ġew irreġistrati permezz ta' politiki fis-setturi bħall-edukazzjoni, it-traffiku, in-nutrizzjoni, l-agrikoltura, ix-xogħol, jew l-ippjanar. Pereżempju, is-saħħa tal-qalb irreġistrat titjib sinifikanti permezz ta' bidliet fil-politiki u fir-regolamenti dwar il-kwalità tal-ikel, iż-żieda fl-attività fiżika u t-tnaqqis fit-tipjip.*** **[Em. 80]**

(45) Biex jiġu massimizzati l-effikaċja u l-effiċjenza tal-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali, jenħtieġ tiġi żviluppata koperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) ħalli tiġi implimentata l-fergħa tas-Saħħa.

(46) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni ~~li jimplimentaw il-Ftehim~~ ***biex timplimenta l-Ftehim*** ta' Pariġi u ~~l-Miri tal-Iżvilupp~~ ***l-Għanijiet ta' Żvilupp*** Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan ir-Regolament se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki ~~tal-UE~~ ***tal-Unjoni*** u biex tintlaħaq il-mira ġenerali ta' 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-għanijiet tal-klima ***matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027, u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027***. Waqt it-tħejjija u l-implimentazzjoni se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni nofsana. **[Em. 81]**

---

([17]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/287/UE tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2014 li tistipula kriterji għall-istabbiliment u l-evalwazzjoni tan-Netwerks Ewropej ta' Referenza u l-Membri tagħhom u biex jiġi faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien espert dwar l-istabbiliment u l-evalwazzjoni ta' netwerks bħal dawn (ĠU L 147, 17.5.2014, p. 79).

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(47) Skont l-Artikolu 94 tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE [18]], il-persuni u l-entitatijiet stabbiliti fil-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCTs) jenħtieġ ikunu eliġibbli għal finanzjament soġġetti għar-regoli u l-għanijiet tal-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom l-OCTs rilevanti huma marbuta. ***Il-programm irid jikkunsidra r-restrizzjonijiet partikolari li persuni u entitajiet stabbiliti f'dawn it-territorji qed jiffaċċjaw, sabiex ikollhom aċċess xieraq għall-elementi msemmija hawn fuq.*** **[Em. 82]**

(48) ***Soġġetti għal konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti,*** Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (iż-ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas ~~tal-koperazzjoni~~ ***tal-kooperazzjoni*** stabbilit skont il-ftehim taż-ŻEE, li jipprovdi għall-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Jenħtieġ tiddaħħal dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament li tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. **[Em. 83]**

(49) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [19], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95 [20] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 [21] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 [22], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ jiġu protetti b'miżuri proporzjonati skont ir-Regolament Finanzjarju u regoli applikabbli oħra, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod inkorrett, u meta xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi offiżi kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u offiżi kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [23]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni jenħtieġ tikkopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(50) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet, implimentazzjoni indiretta, u jipprovdu għal verifiki dwar ir-responsabilità tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' defiċjenzi ġeneralizzati b'rabta mal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, għax ir-rispett għall-istat tad-dritt hu prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.

***(50a) Huwa importanti li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda u ġusta tal-Fond sabiex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni tiegħu bl-aktar mod ċar, effettiv u faċli għall-utent possibbli, filwaqt li jiġu żgurati ċ-ċertezza tad-dritt u l-aċċessibbiltà tal-parteċipanti kollha għalih. Peress li l-attivitajiet tal-FSE+ jitwettqu b'ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu lura milli jżidu regoli addizzjonali jew jemendaw ir-regoli maż-żmien, għaliex dan kieku jikkomplika l-użu tal-fondi għall-benefiċjarji u jista' joħloq dewmien fil-ħlas tal-fatturi.*** **[Em. 84]**

---

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

(19) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

(20) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

(21) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

(22) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

(23) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(51) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni ~~u t-taħriġ,~~ ***, it-taħriġ*** u ***l-indukrar,*** jiġu promossi l-inklużjoni soċjali***, l-opportunitajiet indaqs*** u ~~tas-saħħa~~ ***s-saħħa*** u jonqos il-faqar kif ukoll l-azzjonijiet permezz tal-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir- Regolament ma jmurx lil hinn minn huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. **[Em. 85]**

(52) Biex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ tingħata s-setgħa biex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE ħalli jiġu emendati u ssuplimentati l-Anness fuq l-indikaturi. Hu importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 [24]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħalma jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(53) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat tal-implimentazzjoni. Is-setgħat tal-implimentazzjoni b'rabta mal-mudell għall-istħarriġ strutturat dwar ir-riċevituri finali jenħtieġ jiġu eżerċitati b'konformità mal-proċedura konsultattiva tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [25] minħabba n-natura ta' dan il-mudell,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Parti I

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

### Artikolu 1

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). ***Il-FSE+ jikkonsisti fi tliet fergħat: il-fergħa b'ġestjoni kondiviża, il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-fergħa tas-Saħħa.***

***Dan ir-Regolament*** jistabbilixxi l-għanijiet tal-FSE+, il-baġit għall-perjodu 2021-2027, il-metodi tal-implimentazzjoni, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan il-finanzjament***, u jikkomplementa r-regoli ġenerali li japplikaw għall-FSE+ skont ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid]***. **[Em. 86]**

### Artikolu 2

### Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ~~għandhom~~ japplikaw ~~dawn~~ id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "miżuri ta' akkumpanjament" tfisser attivitajiet mogħtija flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta' assistenza materjali bażika bil-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali ***u jinqered il-faqar***, pereżempju r-referenzjar għal servizzi soċjali ***u appoġġ psikoloġiku jew li tiġi provduta informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi*** jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit tal-familja~~, u l-għoti tagħhom~~;

[24] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 13.
[25] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(2) "pajjiż assoċjat" tfisser pajjiż terz li hu parti għal ftehim mal-Unjoni li jippermetti l-parteċipazzjoni tiegħu fil-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa tal-FSE+ skont l-Artikolu 30;

(3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, prodotti iġjeniċi***, inklużi prodotti tal-iġjene tan-nisa,*** u materjal tal-iskola;

(4) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjonijiet appoġġati mill-baġit tal-Unjoni, inkluż dawk fi ħdan il-faċilitajiet ta' taħlit skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Finanzjarju, li jikkumbinaw forom ta' appoġġ li mhux rimborżabbli u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni flimkien ma' forom ta' appoġġ rimborżabbli mingħand istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet oħra tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll mingħand istituzzjonijiet tal-finanzjament kummerċjali u investituri;

(5) "indikaturi komuni tar-riżultati immedjati" tfisser indikaturi komuni tar-riżultati li jaqbdu l-effetti fi żmien erba' ġimgħat mill-jum meta l-parteċipant ikun telaq mill-operazzjoni (id-data tal-ħruġ);

(6) "indikaturi komuni ta' riżultati aktar fit-tul" tfisser indikaturi komuni tar-riżultati li jaqbdu l-effetti wara sitt xhur ***u tnax-il xhar*** mill-jum meta l-parteċipant ikun telaq mill-operazzjoni;

(7) "spejjeż għax-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika" tfisser l-ispejjeż effettivi marbuta max-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika mill-benefiċjarju u mhux limitati għall-prezz tal-ikel u/jew tal-assistenza materjali bażika;

***(7a) "sħubijiet transfruntieri" fil-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tfisser strutturi permanenti ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-soċjetà ċivili jew is-sħab soċjali li jinsabu f'tal-inqas żewġ Stati Membri;***

(8) "riċevitur finali" tfisser l-aktar persuna jew persuni fil-bżonn li jirċievu l-appoġġ kif stabbilit fil-punt (xi) tal-Artikolu 4(1);

(9) "kriżi tas-saħħa" tfisser kwalunkwe kriżi li ġeneralment titqies bħala theddida, li għandha dimensjoni tas-saħħa u li teħtieġ azzjoni urġenti min-naħa tal-awtoritajiet f'kundizzjonijiet ta' inċertezza;

(10) "entità ġuridika" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali mil-liġi nazzjonali, mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li, meta taġixxi f'isimha stess, tista' teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi;

(11) "mikrofinanzjament" tinkludi garanziji, mikrokreditu, ekwità u kważi ekwità, akkoppjati ma' servizzi tal-żvilupp kummerċjali ta' akkumpanjament bħalma huma dawk fil-forma ta' konsulenza individwali, taħriġ u mentoraġġ, estiżi għal persuni u mikrointrapriżi li jsibu diffikultajiet biex jaċċessaw il-kreditu għall-finijiet ta' attivitajiet professjonali u/jew li jiġġeneraw dħul;

(12) "mikrointrapriża" tfisser intrapriża b'anqas minn 10 impjegati u b'fatturat annwali jew b'karta bilanċjali inqas minn EUR 2 000 000;

(13) "l-aktar persuni fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi magħmula minn persuni bħal dawn***, inklużi t-tfal u l-persuni bla dar***, li l-bżonn tagħhom għall-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti, filwaqt li jiġu evitati kunflitti ta' interess, u li huma approvati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati l-aktar persuni fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi;

(14) "valur ta' referenza" tfisser valur biex jiġu stabbiliti miri għal indikaturi komuni tar-riżultati u għal indikaturi tar-riżultati speċifiċi għall-programm, li jkun ibbażat fuq interventi simili eżistenti jew preċedenti;

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(15) "intrapriża soċjali" tfisser impriża ***tal-ekonomija soċjali***, irrispettivament mill-forma legali tagħha, jew persuna fiżika li

(a) b'konformità mal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tagħha, l-Istatuti tagħha u xi dokument legali ieħor li jistgħu jwasslu għal responsabbiltà skont ir-regoli tal-Istat Membri fejn tkun stabbilita, ikollha bħala l-għan soċjali primarju tagħha li tikseb impatti soċjali ~~li jistgħu jitkejlu~~***, inkluż ambjentali, pożittivi*** ~~pożittivi~~ u ***li jistgħu jitkejlu*** minflok li tiġġenera qligħ għal finijiet oħrajn, u li tipprovdi servizzi ***soċjali*** jew oġġetti li jiġġeneraw redditu soċjali, u/jew tuża metodi tal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi li jinkorporaw għanijiet soċjali;

(b) qabelxejn tinvesti ~~l-qligħ~~ ***mill-ġdid il-biċċa l-kbira tal-qligħ*** tagħha biex tilħaq l-għan soċjali primarju tagħha, u jkollha proċeduri u regoli predefiniti li jkopru kwalunkwe distribuzzjoni tal-qligħ li jiżguraw li din id-distribuzzjoni ma timminax l-għan soċjali primarju;

(c) tkun ġestita b'mod intraprenditorjali, ***demokratika, parteċipatorja,*** responsabbli u trasparenti, l-aktar b'involvimen tal-ħaddiema, il-klijenti u l-partijiet konċernati milquta bl-attivitajiet kummerċjali tagħha;

***(15a) "intrapriża tal-ekonomija soċjali" tfisser tipi differenti ta' intrapriżi u entitajiet li jaqgħu fi ħdan l-ekonomija soċjali, bħall-kooperattivi, l-impriżi mutwi, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet, l-intrapriżi soċjali u forom oħra ta' intrapriżi rregolati bil-liġijiet tal-Istati Membri individwali u bbażati fuq il-preminenza tal-għanijiet individwali u soċjali fuq il-kapital, il-governanza demokratika, is-solidarjetà u r-reinvestiment tal-biċċa l-kbira tal-qligħ jew tas-surpluses;***

(16) "innovazzjonijiet soċjali" tfisser attivitajiet***, inklużi attivitajiet kollettivi,*** li huma soċjali kemm għall-finijiet tagħhom kif ukoll għall-mezzi tagħhom, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda (dwar prodotti, servizzi***, prattiki*** u mudelli) li fl-istess ħin jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali u joħolqu relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda, ***inkluż bejn il-pubbliku, l-organizzazzjonijiet tas-settur terz bħal organizzazzjonijiet volontarji u komunitarji u intrapriżi tal-ekonomija soċjali,*** biex b'hekk jagħmlu l-ġid fis-soċjetà u jixprunaw il-kapaċità tagħha li taġixxi;

(17) "esperimentazzjonijiet soċjali" tfisser interventi politiċi li jagħtu rispons innovattiv għall-ħtiġijiet soċjali, implimentati fuq skala żgħira u f'kundizzjonijiet li jippermettu li l-impatt tagħhom jitkejjel, qabel ma jiġu implimentati f'kuntesti oħra***, inklużi dawk ġeografiċi u settorjali,*** jew fuq skala akbar, jekk ir-riżultati jkunu konvinċenti;

(18) "kompetenzi ewlenin" tfisser l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġ kull individwu, f'kwalunkwe stadju ta' ħajtu, għas-sodisfazzjoni u l-iżvilupp personali, għal impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għal ċittadinanza attiva. Il-kompetenzi ewlenin huma: ~~fil-litteriżmu; multilingwi; fil-matematika, fix-xjenza, fit-teknoloġija~~ ***il-litteriżmu***; ***il-multilingwiżmu***; ***il-matematika***, ***ix-xjenza***, ***it-teknoloġija, l-arti*** u ~~fl-inġinerija~~ ***l-inġinerija***; ***il-kompetenza***; diġitali; ***il-kompetenza medjatika; il-kompetenza*** personali, ***u*** soċjali u ~~fit-tagħlim~~ ***t-tagħlim*** dwar kif wieħed jitgħallem; ~~taċ-ċittadinanza; intraprenditorjali; fil-kuxjenza~~ ***il-kompetenza ċivika***; ***l-intraprenditorjalità***; ***il-kuxjenza*** u l-espressjoni ***(inter)***kulturali ***u l-ħsieb kritiku;***.

(19) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

***(19a) "gruppi żvantaġġati" tfisser gruppi mmirati b'livell għoli ta' persuni li qed jesperjenzaw jew huma f'riskju ta' faqar, diskriminazzjoni jew esklużjoni soċjali, inkluż fost oħrajn minoranzi etniċi bħar-Roma, ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi migranti, anzjani, tfal, ġenituri singoli, persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mard kroniku;***

***(19b) "tagħlim tul il-ħajja" tfisser tagħlim fil-forom kollha tiegħu (tagħlim formali, mhux formali u informali) li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja, inklużi edukazzjoni bikrija tat-tfal, edukazzjoni ġenerali, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, edukazzjoni għolja u tagħlim għall-adulti, u li jirriżulta f'titjib fl-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-possibbiltajiet ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà;***

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

2. Id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu [2] tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] ~~għandhom~~ japplikaw għall-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~.

***2a. Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 , japplikaw ukoll għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-fergħa tas-Saħħa fi ħdan ġestjoni diretta u indiretta.*** **[Em. 87]**

Artikolu 3

L-għanijiet ġenerali u l-metodi tal-implimentazzjoni

L-FSE+ għandu ~~l-għan li tappoġġa~~ ***jappoġġa*** lill-Istati Membri***, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-Unjoni*** biex jiksbu ***soċjetajiet inklużivi,*** livelli għoljin ta' impjiegi, ~~protezzjoni soċjali ġusta~~, ***ta' kwalità***, ***il-ħolqien ta' impjiegi***, ***edukazzjoni*** u ***taħriġ inklużivi*** u ~~forza tax-xogħol tas-sengħa~~ ***taħriġ inklużivi*** u ~~reżiljenti li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet~~ ***ta' kwalità, opportunitajiet indaqs, il-qirda tal-faqar***, ***inkluż il-faqar tat-tfal, inklużjoni u lntegrazzjoni*** soċjali ~~li pproklamaw il-Parlament Ewropew, il-Kunsill~~ ***, koeżjoni soċjali, protezzjoni soċjali ġusta***, ***u forza tax-xogħol tas-sengħa*** u ~~l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017~~ ***reżiljenti li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol***.

***L-FSE + għandu jkun konformi mat-Trattati tal-Unjoni Ewropea u l-Karta, u jimplimenta l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Unjoni fir-rigward tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali skont l-Artikolu 174 tat-TFUE u l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-impenji li saru skont il-Ftehim ta' Pariġi.***

L-FSE+ għandu jappoġġa, jikkumplimenta u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri li jiżguraw opportunitajiet indaqs, aċċess ***ugwali*** għas-suq tax-xogħol, ***tagħlim tul il-ħajja,*** kundizzjonijiet tax-xogħol ~~ġusti~~ ***ta' kwalità għolja***, protezzjoni ***soċjali, integrazzjoni*** u inklużjoni ~~soċjali~~***, il-qerda tal-faqar***, ***investiment fit-tfal u fiż-żgħażagħ, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, aċċess għas-servizzi bażiċi*** u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. **[Em. 88]**

Dan għandu jiġi implimentat:

(a) b'ġestjoni kondiviża, għal dik il-parti tal-assistenza li tikkorrispondi mal-għanijiet speċifiċi indikati fl-Artikolu 4(1) ("il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża"), u

(b) b'ġestjoni diretta u indiretta għal dik il-parti mill-assistenza li tikkorrispondi għall-għanijiet indikati fl-Artikoli 4(1) u 23 ("il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali") u għal dik il-parti tal-assistenza li tikkorrispondi għall-għanijiet indikati fl-Artikoli 4(1) u (3) u 26 ("il-fergħa tas-Saħħa").

Artikolu 4

L-għanijiet speċifiċi

1. L-FSE+ għandu jappoġġa dawn l-għanijiet speċifiċi li ġejjin fl-oqsma ~~ta;~~ ***ta'*** politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni ~~u~~***, il-mobbiltà,*** l-inklużjoni soċjali***, il-qerda tal-faqar*** u s-saħħa u b'hekk jikkontribwixxi wkoll għall-għan ta' politika ta' "Ewropa aktar soċjali – Implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" kif stabbilit fl-Artikolu [4] taRegolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid]:

(i) jitjieb l-aċċess għall-impjiegi ***ta' kwalità u l-miżuri ta' attivazzjoni*** għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ~~ż-żgħażagħ u l-persuni~~ ***miżuri speċifiċi għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija taż-Żgħażagħ, il-persuni*** qiegħda fit-tul, ~~l-persuni inattivi~~ ***il-persuni ekonomikament inattivi*** u ***l-gruppi żvantaġġati***, ***b'fokus fuq il-persuni l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol*** u jiġu promossi ~~l-impjiegi~~ ***l-impjieg, l-impjieg*** indipendenti***, l-intraprenditorija*** u l-ekonomija soċjali;

(ii) jiġu modernizzati l-istituzzjonijiet u s-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet fil-ħiliet u jkunu żgurati assistenza u appoġġ fil-ħin u personalizzati għal tqabbil, tranżizzjonijiet u mobbiltà fis-suq tax-xogħol;

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(iii) jitħeġġu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol ***u l-avvanz tal-karriera tan-nisa, jiġu promossi l-prinċipju ta' paga ugwali għall-istess xogħol***, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, ***b'enfasi partikolari fuq il-ġenituri singoli,*** inkluż l-aċċess għall-indukrar tat-tfal ***inklużiv***, ***ta' kwalità u għal but ta' kulħadd, l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, il-kura tal-anzjani u servizzi oħra ta' kura u appoġġ; u*** ambjent tax-xogħol san u adattat sew li jindirizza r-riskji tas-saħħa ***u tal-mard***, l-adattament tal-ħaddiema***, tar-riorjentazzjoni professjonali***, tal-intrapriżi u tal-intraprendituri għall-bidla, u t-tixjiħ san u attiv;

(iv) jitjiebu l-kwalità, ~~l-aċċessibbiltà~~ ***l-inklużività***, l-effikaċja u r-rilevanza fis-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ħalli jappoġġaw il-kisba tal-kompetenzi ewlenin, inkluż il-ħiliet ***intraprenditorjali u*** diġitali ***u jiġi rikonoxxut t-tagħlim mhux formali u informali, ħalli tiġi promossa l-inklużjoni diġitali u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-istudju għas-sejbien ta' impjieg, ħalli jiġu riflessi r-rekwiżiti soċjali u ekonomiċi***;

(v) jiġu promossi l-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità ***għolja, għal but ta' kulħadd*** u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati ***u l-persuni li jipprovdu kura***, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti, ~~inkluż li~~ ***jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola,*** tiġi ~~faċilitata l-mobbiltà~~ ***promossa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju, apprendistati, il-mobbiltà*** tat-tagħlim għal kulħadd ***u l-aċċessibbiltàgħall-persuni b'diżabbiltà***;

(vi) jiġi promoss it-tagħlim tul il-ħajja, notevolment opportunitajiet flessibbli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għal kulħadd filwaqt li jitqiesu l-ħiliet ***intraprenditorjali u*** diġitali, jiġu antiċipati aħjar it-tibdil u l-ħtiġijiet il-ġodda fil-ħiliet abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tal-karrieri u ~~tiġi promossa~~ ***jiġu promossi*** l-mobbiltà professjonali ***u l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà***;

(vii) titrawwem l-inklużjoni attiva ħalli jiġu promossi ~~opportunitajiet~~ ***l-opportunitajiet*** indaqs***, in-nondiskriminazzjoni*** u ~~parteċipazzjoni~~ ***l-parteċipazzjoni*** ttiva, u ~~titjieb~~ ***tittejjeb*** l-impjegabbiltà***, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati***;

(viii) titħeġġeġ l-integrazzjoni soċjoekonomika ***fit-tul*** taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi ~~u tal-persuni minn komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma~~ ***u tal-persuni, inklużi l-migranti***;

***(viiia) tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra l-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma u titħeġġeġ l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom;***

(ix) jitjieb l-aċċess ugwali u fil-ħin għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli***, aċċessibbli*** u affordabbli***, inklużi servizzi għall-aċċess għall-akkomadazzjoni u kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuna u kura relatata***; jiġu ~~modernizzati s-sistemi~~ ***modernizzat l-istituzzjonijiet tas-sigurtà, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-sistemi*** tal-protezzjoni ***u l-inklużjoni*** soċjali~~, inkluż~~ ***u*** jiġi promoss l-aċċess għall-protezzjoni soċjali ***ugwali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi żvantaġġati u l-persuni l-aktar fil-bżonn***; jitjiebu l-aċċessibbiltà***, anki għall-persuni b'diżabbiltà***, l-effikaċja u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul;

***(ixa) tiżdied l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità bil-għan li tittejjeb l-inklużjoni tagħhom fl-impjieg, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ;***

(x) tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali tal-persuni ~~fir-riskju tal-faqar~~ ***li qed jesperjenzaw faqar u***/jew ~~l-esklużjoni~~ ***esklużjoni*** soċjali, ~~inkluż~~ ***jew jinsabu f'riskju ta' dan***, ***inklużi*** l-aktar persuni fil-bżonn u t-tfal;

(xi) tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u~~/jew~~ assistenza materjali bażika lill-aktar persuni fil-bżonn, inkluż miżuri ta' akkumpanjament***, bl-għan li tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali tagħhom b'enfasi fuq it-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli***.

2. Bl-azzjonijiet implimentati permezz tal-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, l-FSE+ għandu ***l-għan li*** jikkontribwixxi wkoll ~~għall-għanijiet l-oħra~~ ***għal għanijiet oħra*** ta' politika msemmija fl-Artikolu [4] tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid], b'mod partikolari dawk marbuta ma':

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

1. Ewropa aktar intelliġenti bl-iżvilupp ta' ħiliet għal speċjalizzazzjoni intelliġenti, ħiliet għal teknoloġiji abilitanti essenzjali, tranżizzjoni industrijali, ~~koperazzjoni~~ ***kooperazzjoni*** settorjali b'rabta mal-ħiliet u l-intraprenditorjali, it-taħriġ tar-riċerkaturi, l-attivitajiet ta' netwerking u sħubijiet bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv (VET), iċ-ċentri tar-riċerka u t-teknoloġija, ***iċ-ċentri mediċi u tal-kura tas-saħħa*** u l-intrapriżi u l-gruppi, l-appoġġ għall-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u medji u l-ekonomija soċjali ***ilwaqt li jitqiesu l-liġijiet u l-oqsfa tal-ekonomija soċjali stabbiliti fl-Istati Membri***;

2. Ewropa aktar ekoloġika, b'sistemi aħjar tal-edukazzjoni u t-taħriġ li hemm bżonn għall-adattament tal-ħiliet u l-kwalifiki, ***sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni dwar żvilupp u stili ta' ħajja sostenibbli,*** it-titjib tal-ħiliet għal kulħadd, inkluż tal-forza tax-xogħol, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'setturi relatati mal-ambjent, il-klima u l-enerġija, ***u l-ekonomija ċirkolari*** u l-bijoekonomija;

***2a. Unjoni eqreb lejn iċ-ċittadini permezz ta' miżuri favur it-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifiċitajiet taż-żoni urbani, rurali u kostali bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fil-bliet u r-reġjuni.***

***2b. fil-qafas tat-Taqsima tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, l-FSE + għandu jappoġġa l-iżvilupp, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istrumenti, il-politiki u l-liġi rilevanti tal-Unjoni u jippromwovi t-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza, l-innovazzjoni soċjali u l-progress soċjali fi sħubija mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi pubbliċi u privati (objettiv speċifiku 1); għandu jippromwovi l-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema fuq bażi ġusta u jagħti spinta lill-opportunitajiet ta' impjieg (l-objettiv speċifiku 2); għandu jippromwovi l-impjieg u l-inklużjoni soċjali billi jżid id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mikrofinanzjament għall-intrapriżi mikro u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari għal persuni vulnerabbli (objettiv speċifiku 3);***

3. Permezz tal-fergħa tas-Saħħa, l-FSE+ għandu ~~jappoġġa l-promozzjoni~~ ***jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni*** tas-saħħa ***tal-bniedem*** u ~~l-prevenzjoni~~ ***ta' prevenzjoni*** tal-mard, ***anki permezz tal-promozzjoni tal-attività fiżika u tal-edukazzjoni dwar is-saħħa,*** jikkontribwixxi għall-effikaċja, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, jagħmel il-kura tas-saħħa aktar sikura, inaqqas l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa, ~~u jħares~~ ***iżid l-istennija ta' tul tal-ħajja fit-twelid, iħares*** liċ-ċittadini mit-theddid transfruntier tas-saħħa, ***irawwem il-prevenzjoni tal-mard u d-djanjożi bikrija, u l-promozzjoni tas-saħħa tul il-ħajja kif ukoll isaħħaħ*** u jappoġġa l-leġiżlazzjoni tal-UE ~~dwar~~ ***relatata mas-saħħa, anki fil-qasam tas-saħħa ambjentali, u jrawwem*** is-Saħħa ***fil-politiki kollha tal-unjoni. Il-politika tas-saħħa tal-Unjoni għandha tkun iggwidata mill-SDGs sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri jilħqu l-objettiv tal-SDG 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età".*** **[Em. 89]**

Artikolu 5

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju totali għall-FSE+ tul il-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' ~~EUR 101 174 000 000~~ ***EUR 106 781 000 000 bi prezzijiet tal-2018 (EUR 120 457 000 000*** bi prezzijiet attwali.

2. Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ skont il-mira tal-Investiment għall-Impjiegi u t-Tkabbir għandha tkun ~~EUR 100 000 000 000 bi prezzijiet attwali jew EUR 88 646 194 590 bi prezzijiet tal-2018~~ ***EUR 105 686 000 000 bi prezzijiet tal-2018 (EUR 119 222 000 000 f'prezzijiet attwali)*** li EUR 200 000 000 minnhom bi prezzijiet attwali jew EUR 175 000 000 minnhom bi prezzijiet tal-2018 għandhom jiġu allokati għall-koperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa s-soluzzjonijiet innovattivi kif imsemmi fl-Artikolu 23(i) ***, EUR 5 900 000 000 għandhom jiġu allokati għall-miżuri li jidħlu fil-Garanzija Ewropea għat-Tfal imsemmija fl-Artikolu 10a,*** u EUR 400 000 000 bi prezzijiet attwali jew EUR 376 928 934 bi prezzijiet tal-2018 bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u r-reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

3. Il-pakkett finanzjarju għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u għall-fergħa tas-Saħħa tul il-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' ~~EUR 1 174 000 000~~ ***EUR 1 095 000 000 bi prezzijiet tal-2018 (EUR 1 234 000 000*** bi prezzijiet attwali.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

4. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun:

(a) ~~EUR 761 000 000~~ ***EUR 675 000 000 bi prezzijiet tal-2018 (EUR 761 000 000 bi prezzijiet attwali)*** għall-implimentazzjoni tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali;

(b) ~~EUR 413 000 000~~ ***EUR 420 000 000 bi prezzijiet tal-2018 (EUR 473 000 000 bi prezzijiet attwali; jew 0,36 % tal-QFP 2021-2027)*** għall-implimentazzjoni tal-fergħa tas-Saħħa.

5. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 3 u 4 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programmi, bħall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni. **[Em. 90]**

Artikolu 6

Ugwaljanza bejn ~~l-irġiel u n-nisa~~ ***is-sessi*** u opportunitajiet indaqs u nondiskriminazzjoni

1. Il-programmi kollha ~~implimenati permezz tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+,~~ ***implimentati fl-ambitu tal-FSE+ għandhom jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi matul it-tħejjija***, ***l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ*** u ~~l-operazzjonijiet appoġġati permezz tal-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa għandhom jiżguraw l-ugwaljanza bejn l-irġiel~~ ***l-evalwazzjoni tagħhom. Huma għandhom jappoġġaw ukoll azzjonijiet speċifiċi mmirati biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja tax-xogħol*** u ~~n-nies matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom. Għandhom~~ ***l-iżvilupp professjonali tagħhom kif ukoll il-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja personali,*** jippromwovu ~~wkoll opportunitajiet~~ ***l-opportunitajiet*** indaqs għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni abbażi ~~tal-ġeneru~~, ***ta' sess***, ***ta'*** oriġini razzjali jew etnika, ***ta'*** reliġjon jew twemmin, ~~diżabilità, l-età~~ ***ta' diżabbiltà jew ta' kundizzjoni ta' saħħa***, ***età*** jew ~~l-orjentazzjoni~~ ***orjentazzjoni*** sesswali***, inkluża l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà anki f'termini tal-ICT,*** matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom***, u b'hekk tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali u jitnaqqsu l-inugwaljanzi***.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jappoġġaw ukoll azzjonijiet immirati speċifiċi li jippromwovu l-prinċipji msemmija fil-paragrafu 1 f'xi wieħed mill-għanijiet tal-FSE+, inkluż it-tranżizzjoni minn kura ~~residenzjali/~~istituzzjonali għal kura tal-familja u bbażata fuq il-komunità ***u t-titjieb tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà***. **[Em. 91]**

Parti II – Implimentazzjoni permezz tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet komuni dwar il-programmazzjoni

Artikolu 7

Konsistenza u konċentrazzjoni tematika

1. L-Istati Membri għandhom jikkonċentraw ir-riżorsi ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ fuq interventi li jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom, fis-Semestru Ewropew kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati b'konformità mal-Artikolu 121(2) tat-TFUE u mal-Artikolu 148(4) tat-TFUE, u jqisu l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont is-Semestru Ewropew u speċifiċitajiet reġjonali u b'hekk jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-TFUE fir-rigward tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jkunu konformi b'mod sħiħ tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU***.

L-Istati Membri u, meta xieraq, il-Kummissjoni għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni, kumplimentarjetà u koerenza bejn l-FSE+ u fondi, programmi u strumenti oħra tal-Unjoni ~~bħal Erasmus,~~ ***bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, InvestEU, l-Ewropa Kreattiva, l-Istrument tad-Drittijiet u l-Valuri, l-Erasmus***, il-Fond għall-Migrazzjoni u ~~l-Ażil~~ ***l-Asil, il-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom ta' wara l-2020*** u l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi, inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni. L-Istati Membri u, meta xieraq, il-Kummissjoni, għandhom itejbu l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tkun żgurata l-koperazzjoni mill-qrib bejn dawk ***l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni*** responsabbli għall-implimentazzjoni, biex ~~jagħmu~~ ***jagħmlu approċċi integrati u*** azzjonijiet ta' appoġġ koerenti u ssimplifikati.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

2. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati b'konformità mal-Artikolu 121(2) tat-TFUE u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE u fis-Semestru Ewropew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ kif stabbilit fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-anqas ~~25 %~~ ***27***% tar-riżorsi tagħhom ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ għall-għanijiet speċifiċi fil-qasam tal-politika tal-inklużjoni soċjali stabbiliti fil-punti (vii) u ~~(xi)~~ ~~(~~***x***) tal-Artikolu 4(1), inkluż il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini minn pajjiżi terzi.

***3a. Fil-qafas ta; l-objettivi speċifiċi tal-qasam ta' politika tal-inklużjoni soċjali stabbiliti fil-punti (vii) sa (x) tal-Artikolu 4(1), l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża biex jimplimentaw il-Garanzija Ewropea għat-Tfal ħalli jgħin sabiex it-tfal jingħataw aċċess ugwali għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u indukrar bla ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adegwata.***

4. ***Minbarra l-allokazzjoni minima ta' mill-inqas 27 % tar-riżorsi tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (vii) sa (x) tal-Artikolu 4(1), l-Istati L-Istati*** Membri għandhom jallokaw tal-anqas ~~2 %~~ ***3*** % tar-riżorsi tagħhom ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+ għall-għan~~ ***għall-objettiv*** speċifiku li ~~jindirizza l-privazzjoni~~ ***tiġi indirizzata l-inklużjoni soċjali tal-aktar persuni fil-bżonn u/jew il-privazzjoni*** materjali stabbilit ~~fil-punt~~ ***fil-punti (x) u*** (xi) tal-Artikolu 4(1).

~~F'każijiet ġustifikati kif xieraq, ir-riżorsi allokati għall-għan speċifiku stabbilit fil-punt (x) tal-Artikolu 4(1) u mmirat għall-aktar persuni fil-bżonn jistgħu jiġu kkunsidrati waqt il-verifika tal-konformità mal-allokazzjoni minima ta' mill-inqas 2 % stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta# dan il-paragrafu.~~

5. L-Istati Membri ~~li għandhom rata taż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjieg, l-edukazzjoni, jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2019, abbażi tad-data tal-Eurostat,~~ għandhom jallokaw mill-inqas ~~10 %~~ ***3***% tar-riżorsi tagħhom ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+ għas-snin 2021 sa 2025~~ għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjiegi taż-żgħażagħ u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, u l-edukazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

***L-Istati Membri li għandhom rata ta' żgħażagħ bejn il-15-il sena u d-29 sena li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) 'l fuq mill-medja tal-Unjoni fl-2019 jew fejn ir-rata tan-NEET hija 'l fuq minn 15 % abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE + b'ġestjoni kondiviża għas-snin 2021 sa 2025 fil-perjodu ta' programmazzjoni għall-azzjonijiet imsemmija hawn fuq u għal miżuri ta' riforma strutturali, filwaqt li jagħti attenzjoni speċjali lil dawk ir-reġjuni aktar affettwati billi jitqiesu d-diverġenzi li jeżistu bejniethom.***

Meta jipprogrammaw ir-riżorsi ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ għall-2026 u l-2027 f'nofs it-terminu skont l-Artikolu [14] tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid], l-Istati Membri li għandhom rata taż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjieg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2024, ***jew fejn ir-rata tan-NEET hija 'l fuq minn 15 %*** abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas ~~10 %~~ ***15 %*** tar-riżorsi tagħhom ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għas-snin 2026 sa 2027 għal dawn l-azzjonijiet ***jew għal miżuri ta' riforma strutturali***.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti ~~fl-ewwel~~ ***fit-tieni*** u ~~fit-tieni~~ ***fit-tielet*** subparagrafi għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ fil-programmi tagħhom għall-azzjonijiet immirati stabbiliti fl-ewwel subparagrafu. Din l-allokazzjoni għandha titqies fil-verifika tal-konformità mal-persentaġġ minimu fil-livell nazzjonali stabbilit fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi. ***Dik l-allokazzjoni ma għandhiex tissostitwixxi l-finanzjament meħtieġ għall-infrastruttura u l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi.***

Meta jimplimentaw dawn l-azzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità liż-żgħażagħ inattivi u qiegħda fit-tul u jistabbilixxu miżuri mmirati ta' kuntatt.

6. Il-paragrafi 2 sa 5 ma għandhomx japplikaw għall-allokazzjoni addizzjonali speċifika li jirċievu r-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

7. Il-paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw għall-assistenza teknika. **[Em. 92]**

***Artikolu 7a***

***Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali***

***Fl-implimentazzjoni tal-fondi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta.***

***Kwalunkwe spiża li ssir għal xi azzjoni li ma tkunx konformi mal-Karta ma għandhiex tkun eliġibbli skont l- [Artikolu 58(2)] tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] u r-Regolament Delegat (UE) Nru 240/2014.*** **[Em. 93]**

Artikolu 8

Sħubija

1. ~~Kull~~ ***F'konformità mal-[Artikolu 6] tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] u mar-Regolament Delegat (UE) Nru 240/2014, kull*** Stat Membru għandu jiżgura ~~parteċipazzjoni xierqa ta' sħab soċjali u~~***, fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, parteċipazzjoni sinifikanti tas-sħab soċjali,*** l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ~~fit-twettiq~~***, il-korpi tal-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u organizzazzjonijiet rilevanti jew rappreżentattivi oħra fl-ipprogrammar u t-twettiq*** tal-politiki tal-impjiegi, l-edukazzjoni***, in-nondiskriminazzjoni*** u l-inklużjoni soċjali ***u inizjattivi*** appoġġati mill-fergħa ~~b'ġestjoni~~ ***tal-FSE + b'ġestjoni*** kondiviża ~~tal-FSE+~~. ***Tali parteċipazzjoni sinifikanti għandha tkun inklużiva u aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.***

2. L-Istati Membri għandhom jallokaw ~~ammont xieraq ta' riżorsi b'ġestjoni kondiviża~~ ***tal-inqas 2 % tar-riżorsi*** tal-FSE+ ~~f'kull programm tat-tiswir~~ ***b'ġestjoni kondiviża għat-tiswir*** tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni fl-għamla ta' taħriġ, miżuri ta' netwerking, u tisħiħ tad-djalogu soċjali, u għal attivitajiet imwettqa b'mod konġunt mis-sħab soċjali***. **[Em. 94]**

Artikolu 9

Nindirizzaw il-privazzjoni materjali

Ir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 7(4) ***li jirrigwardaw l-inklużjoni soċjali ta' dawk l-aktar fil-bżonn u jew il-provazzjoni materjali*** għandhom jiġu pprogrammati fi prijorità jew programm ~~apposta~~ ***speċifiċi. Ir-rata ta' kofinanzjament għal tali prijorità jew programm hija stabbilita għal, tal-inqas, 85 %***. **[Em. 95]**

Artikolu 10

Appoġġ għall-impjiegi taż-żgħażagħ

L-appoġġ skont l-Artikolu 7(5) għandu jiġi pprogrammat fi prijorità ~~apposta~~ ***jew programm speċifiċi*** u din għandha tappoġġa l-għan speċifiku stabbilit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(1). **[Em. 96]**

***Artikolu 10a***

***Appoġġ lill-Garanzija Ewropea għat-Tfal***

***F'konformità mal-Artikolu 7(3a), għandu jiġi pprogrammat appoġġ, fil-qafas ta' prijorità jew programm speċifiċi, li jirrifletti r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2013 dwar l-investiment fit-tfal; Dan għandu jappoġġa l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal fil-kuntest tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (vii) sa (x) tal-Artikolu 4(1).*** **[Em. 97]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

Artikolu 11

Appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi

L-azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi u fis-Semestru Ewropew imsemmija fl-Artikolu 7(2) għandhom jiġu pprogrammati ~~fi prijorità apposta waħda jew bosta~~***fl-ambitu ta' kwalunkwe objettiv speċifiku msemmi fl-artikolu 4(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-komplementarjetà, il-koerenza, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***.

***Għandha tiġi żgurata biżżejjed flessibbiltà fil-livell tal-Awtorità ta' Ġestjoni biex jiġu identifikati l-prijoritajiet u l-oqsma għall-investimenti tal-FSE+ bi qbil mal-isfidi lokali u reġjonali speċifiċi.*** **[Em. 98]**

***Artikolu 11a***

***Żvilupp territorjali integrat***

***1. L-FSE+ jista' jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat fi programmi taħt iż-żewġ għanijiet imsemmija fl-[Artikolu 4(2)] tar-Regolament (UE) …/… [is-CPR il-ġdid] bi qbil mal-Kapitolu II tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament.***

***2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-iżvilupp territorjali integrat, appoġġat mill-FSE+, esklussivament permezz tal-formoli msemmija fl-Artikolu [22] tar-Regolament (UE) …/… [is-CPR il-ġdid].*** **[Em. 99]**

***Artikolu 11b***

***Kooperazzjoni transnazzjonali***

***1. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw azzjonijiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali fil-qafas ta' prijorità speċifika.***

***2. Azzjonijiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali jistgħu jiġu pprogrammati fi ħdan kwalunkwe wieħed mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-punti (i) sa (x) tal-Artikolu 4(1).***

***3. Ir-rata ta' kofinanzjament massima għal din il-prijorità tista' tizdied għall-90 % għall-allokazzjoni ta' massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża għal dawn il-prijoritajiet.*** **[Em. 100]**

Kapitolu II

Appoġġ ġenerali permezz tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+

Artikolu 12

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għall-appoġġ tal-FSE+ skont il-punti (i) sa (x) tal-Artikolu 4(1) meta jiġi implimentat b'ġestjoni kondiviża ("l-appoġġ ġenerali permezz tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+"). ***Barra minn hekk, l-Artikolu 13 japplika wkoll għall-appoġġ tal-FSE+ skont il-punt (xi) tal-Artikolu 4(1).*** **[Em. 101]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

Artikolu 13

Azzjonijiet ***soċjali*** innovattivi

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw azzjonijiet ta' innovazzjoni soċjali u/***jew*** esperimentazzjonijiet soċjali, ~~jew isaħħu~~ ***inklużi dawk b'komponent soċjokulturali, bl-użu ta'*** approċċi minn isfel għal fuq ibbażati fuq sħubijiet li jinvolvu ~~awtoritajiet~~ ***l-awtoritajiet*** pubbliċi, ***is-sħab soċjali, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali***, is-settur privat u s-soċjetà ċivili ~~bħall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali li jfasslu u jimplimentaw strateġiji tal-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità~~.

***1a. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw, fil-programmi operazzjonali tagħhom jew fi stadju aktar tard matul l-implimentazzjoni, l-oqsma għall-innovazzjoni soċjali u l-esperimentazzjonijiet soċjali li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri.***

2. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw it-titjib ta' approċċi innovattivi ttestjati fuq skala żgħira ((***innovazzjoni soċjali u*** esperimentazzjonijiet soċjali***, inklużi dwak b'komponent soċjokulturali***) żviluppati permezz tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u ta' programmi oħra tal-Unjoni.

3. Azzjonijiet u approċċi innovattivi jistgħu jiġu pprogrammati f'xi wieħed mill-għanijiet speċifiċi stabbiliti ~~fil-punti (i) sa (x) tal-Artikolu~~ ***fl-Artikolu*** 4(1).

4. Kull Stat Membru għandu jiddedika mill-inqas prijorità waħda għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 jew 2 jew tat-tnejn. Ir-rata ta' kofinanzjament massima għal dawn il-prijoritajiet tista' tiġi miżjuda għall-95 % għall-allokazzjoni ta' massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali ~~b'ġestjoni kondiviża~~ tal-FSE+ ~~għal dawn il-prijoritajiet~~***b'ġestjoni kondiviża***. **[Em. 102]**

Artikolu 14

Eliġibbiltà

1. Minbarra l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu [58] tar-Regolament (UE) …/… [is-CPR il-ġdid], l-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli għall-appoġġ ġenerali tal-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~:

(a) ix-xiri ta' art u proprjetà immobbli, u ~~l-forniment~~ ***x-xiri*** ta' infrastruttura, u

(b) ix-xiri ta' għamara, tagħmir u vetturi għajr meta x-xiri jkun ***assolutament*** meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-operazzjoni, jew dawn l-oġġetti jiġu deprezzati għalkollox, jew ix-xiri ta' dawn l-oġġetti jkun l-aktar alternattiva ekonomika.

2. Il-kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta' għotjiet jew salarji żburżati minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteċipanti f'operazzjoni jistgħu jkunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-appoġġ ġenerali tal-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~, diment li dawn il-kontribuzzjonijiet in natura jiġġarrbu skont ir-regoli nazzjonali, inkluż ir-regoli tal-kontabbiltà, u ma jaqbżux l-ispiża mġarrba mill-parti terza.

3. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika li rċivew ir-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni tal-livell tan-NUTS 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994 għandha tintuża biex tappoġġa l-kisba tal-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.

4. L-ispejjeż diretti tal-persunal għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-appoġġ ġenerali tal-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+, diment li l-livell~~. ***Jekk japplika ftehim kollettiv, dawn għandhom jiġu determinati skont dak il-ftehim. Jekk ma jkun japplika l-ebda ftehim kollettiv, il-livell*** tagħhom ma ~~jkunx iżjed~~ ***għandux ikun ogħla*** minn 100 % tar-remunerazzjoni abitwali għall-professjoni ~~kkonċernata~~ ***jew l-għarfien espert speċifiku kkonċernat*** fl-Istat Membru ***jew fir-reġjun*** kif ~~turi d-data~~ ***muri mill-ġustifikazzjoni dokumentata rilevanti pprovduta mill-Awtorità ta' Ġestjoni rispettiva u/jew mid-data*** tal-Eurostat. **[Em. 103]**

Artikolu 15

Indikaturi u rappurtar

1. Il-programmi li jibbenefikaw mill-appoġġ ġenerali tal-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~ għandhom jużaw indikaturi komuni tal-outputs u tar-riżultati, kif stabbilit fl-Anness I ***jew l-Anness IIa għall-azzjonijiet li jirrigwardaw l-inklużjoni soċjali tal-aktar nies fil-bżonn fil-punt (x) tal-Artikolu 4(***1) ta' dan ir-Regolament biex jiġi sorveljat il-progress fl-implimentazzjoni. Il-programmi jistgħu jużaw ukoll indikaturi speċifiċi għall-programmi ***u indikaturi speċifiċi għall-azzjonijiet***.

2. Il-linja bażi għall-indikaturi komuni tal-outputs u dawk speċifiċi għal kull programm għandha tiġi ffissata bħala żero. Meta rilevanti għan-natura tal-operazzjonijiet appoġġati, it-tappi kwantifikati kumulattivi u l-valuri ta' mira għal dawk l-indikaturi għandhom jiġu ffissati f'numri assoluti. Il-valuri rrappurtati għall-indikaturi tal-outputs għandhom jiġu espressi f'numri assoluti.

3. Il-valur ta' referenza tal-indikaturi komuni tal-output u ta' dawk speċifiċi għal kull programm li għalihom ġew stabbiliti tappi kwantifikati kumulattivi għall-2024 u valuri ta' mira għall-2029, għandu jiġi ffissat skont l-aħħar data disponibbli jew sorsi rilevanti oħra tal-informazzjoni. Il-miri tal-indikaturi komuni tar-riżultati għandhom jiġu ffissati f'numri assoluti jew bħala persentaġġ. L-indikaturi tar-riżultati speċifiċi għal kull programm u l-miri relatati jistgħu jiġu espressi f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi. Il-valuri rrappurtati għall-indikaturi komuni tar-riżultati għandhom jiġu espressi f'numri assoluti.

4. Id-data dwar l-indikaturi għall-parteċipanti għandha tintbagħat biss meta tkun disponibbli d-data kollha mitluba fil-punt (1a) tal-Anness I relatata ma' dak il-parteċipant.

***4a. Id-data msemmija fil-paragrafu 3 għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-programmi FSE + fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tkun diżaggregata skont is-sess.***

5. Meta d-data tkun disponibbli fir-reġistri jew f'sorsi ekwivalenti, l-Istati Membri ~~għandhom~~ ***jistgħu*** jippermettu li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u korpi oħra fdati bil-ġbir tad-data meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-appoġġ ġenerali tal-fergħa ***tal-FSE+*** b'ġestjoni kondiviża ~~tal-FSE+~~, jiksbu din id-data mir-reġistri tad-data jew minn sorsi ekwivalenti, b'konformità mal-punti (c) u (e) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679,

6. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 38 biex temenda l-indikaturi fl-Anness I ***u l-Anness IIa***, meta jitqies meħtieġ, biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi. **[Em. 104]**

## Kapitolu III

## Appoġġ tal-FSE+ li jindirizza l-privazzjoni materjali

### Artikolu 16

### Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għall-appoġġ tal-FSE+ skont il-punt (xi) tal-Artikolu 4(1).

### Artikolu 17

### Prinċipji

1. L-appoġġ tal-FSE+ li jindirizza l-privazzjoni materjali jista' jintuża biss biex jappoġġa t-tqassim tal-ikel u l-prodotti konformi mal-liġi tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.

2. L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika skont kriterji oġġettivi relatati mal-ħtiġijiet tal-aktar persuni fil-bżonn. Il-kriterji tal-għażla għall-prodotti alimentari, u meta xieraq għall-oġġetti, għandhom iqisu wkoll aspetti klimatiċi u ambjentali, b'mod partikolari ħalli jonqos il-ħela tal-ikel ***u l-plastik li jintuża darba biss***. Meta xieraq, l-għażla tat-tip ta' prodotti alimentari li jridu jitqassmu għandha ssir wara li jitqies il-kontribut tagħhom għal dieta bilanċjata tal-aktar persuni fil-bżonn.

L-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika jistgħu jingħataw direttament lill-aktar persuni fil-bżonn jew indirettament permezz ta' vawċers jew kards, diment li dawn jissarrfu biss f'ikel u/jew assistenza materjali bażika kif stabbilit fl-Artikolu 2 (3) ***u ma jkunux qed jissostitwixxu xi benefiċċju soċjali eżistenti***.

L-ikel mogħti lill-aktar persuni fil-bżonn jista' jinkiseb mill-użu, l-ipproċessar jew il-bejgħ tal-prodotti li jkun sar disponiment minnhom skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]), diment li din tkun l-aktar alternattiva favorevoli mil-lat ekonomiku u ma ddewwimx bla bżonn it-twassil tal-prodotti alimentari lill-aktar persuni fil-bżonn.

Kull ammont derivat minn din it-tranżazzjoni għandu jintuża għall-benefiċċju tal-aktar persuni fil-bżonn, b'żieda mal-ammonti diġà disponibbli għall-programm.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-appoġġ tal-FSE+ li jindirizza l-privazzjoni materjali tkun tirrispetta d-dinjità u tevita l-istigmatizzazzjoni tal-aktar persuni fil-bżonn.

4. It-twassil tal-ikel u/jew assistenza materjali ~~jista'~~ ***għandu*** jiġi ~~kkumplimentat~~ ***kkomplementat*** b'riorjentazzjoni lejn servizzi kompetenti u miżuri ta' akkumpanjament oħra mmirati lejn l-inklużjoni soċjali tal-aktar persuni fil-bżonn. **[Em. 105]**

Artikolu 18

Il-kontenut tal-prijorità

Prijorità b'rabta mal-appoġġ skont il-punt (xi) tal-Artikolu 4(1) għandha tistabbilixxi:

(a) it-tip ta' appoġġ;

(b) il-gruppi ewlenin fil-mira;

(c) deskrizzjoni tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali jew reġjonali.

F'każ ta' programmi limitati għal dan it-tip ta' appoġġ u l-assistenza teknika relatata, il-prijorità għandha tinkludi wkoll il-kriterji għall-għażla tal-operazzjonijiet.

Artikolu 19

Eliġibbiltà tal-operazzjonijiet

1. L-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika mogħtija lill-aktar persuni fil-bżonn jistgħu jinxtraw mill-benefiċjarju jew f'ismu, jew isiru disponibbli bla ħlas għall-benefiċjarju.

2. L-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika għandhom jitqassmu bla ħlas lill-aktar persuni fil-bżonn.

---

([26]) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

Artikolu 20

Eliġibbiltà tan-nefqa

1. L-ispejjeż eliġibbli għall-appoġġ tal-FSE+ li jindirizza l-privazzjoni materjali għandhom ikunu:

(a) l-ispejjeż għax-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika, inkluż l-ispejjeż relatati mal-ġarr tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-benefiċjarji li jwasslu l-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika lir-riċevituri finali;

(b) meta l-ġarr tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-benefiċjarji li jqassmuhom lir-riċevituri finali ma jkunx kopert bil-punt (a), l-ispejjeż imġarrba mill-korp tal-akkwisti relatati mal-ġarr tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika lejn l-imħażen u/jew għand il-benefiċjarji u l-ispejjeż tal-ħażna b'rata fissa ta' 1 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a) jew, f'każijiet ġustifikati kif xieraq, l-ispejjeż effettivament imġarrba u mħallsa;

(c) l-ispejjeż amministrattivi, tal-ġarr u tal-ħażna li jġarrbu l-benefiċjarji involuti fit-tqassim tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika lill-aktar persuni fil-bżonn b'rata fissa ta' 5 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a); jew 5 % tal-ispejjeż tal-valur tal-prodotti alimentari li jkun sar disponiment minnhom b'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(d) l-ispejjeż għall-ġbir, il-ġarr, il-ħażna u t-tqassim ta' donazzjonijiet tal-ikel u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni direttament relatati;

(e) l-ispejjeż tal-miżuri ta' akkumpanjament imwettqa mill-benefiċjarji jew f'isimhom u ddikjarati mill-benefiċjarji li jwasslu l-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika lill-aktar persuni fil-bżonn b'rata fissa ta' ~~5 %~~ ***5,5 %*** tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a).

2. It-tnaqqis fl-ispejjeż eliġibbli msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 minħabba nuqqas ta' konformità mal-liġi applikabbli mill-korp responsabbli għax-xiri tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika, ma għandux iwassal għal tnaqqis fl-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fil-punti (c) u (e) tal-paragrafu 1.

3. L-ispejjeż li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli:

(a) l-imgħax fuq id-dejn;

(b) ~~il-forniment~~ ***ix-xiri*** ta' infrastruttura;

(c) l-ispejjeż ta' oġġetti użati (second-hand) ***ta' kwalità inferjuri***. **[Em. 106]**

Artikolu 21

Indikaturi u rappurtar

1. Il-prijoritajiet li jindirizzaw il-privazzjoni materjali għandhom jużaw indikaturi komuni tal-outputs u tar-riżultati, kif stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament biex isegwu l-progress fl-implimentazzjoni. Il-programmi jistgħu jużaw ukoll indikaturi speċifiċi għall-programmi.

2. Għandhom jiġu stabbiliti l-valuri ta' referenza għall-indikaturi komuni tar-riżultati u għal dawk speċifiċi għal kull programm. ***Ir-rekwiżiti tar-rappurtar għandhom jinżammu sempliċi kemm jista' jkun.***

3. Sat-30 ta' Ġunju 2025 u sat-30 ta' Ġunju 2028, l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni r-riżultati tal-istħarriġ ***anonimu*** strutturat dwar ir-riċevituri finali mwettaq tul is-sena preċedenti***, filwaqt jiffukaw ukoll fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom u n-natura tad-deprivazzjoni materjali tagħhom***. Dan l-istħarriġ għandu jkun ibbażat fuq il-mudell li għandha tistabbilixxi l-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-mudell li għandu jintuża għall-istħarriġ strutturat dwar ir-riċevituri finali skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2) biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 38 biex temenda l-indikaturi fl-Anness II meta jidhrilha li jkun meħtieġ biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi. **[Em. 107]**

Artikolu 22

Awditu

L-awditjar tal-operazzjonijiet jista' jkopri l-istadji kollha tal-implimentazzjoni tagħhom u l-livelli kollha tal-katina tad-distribuzzjoni, għajr biss għall-kontroll tar-riċevituri finali, diment li valutazzjoni tar-riskju ma tistabbilixxix riskju speċifiku ta' irregolarità jew frodi. ***L-awditjar tal-operazzjonijiet għandu jinkludi aktar kontrolli fl-istadji bikrija tal-implimentazzjoni sabiex fil-każ ta' riskju ta' frodi l-fondi jkunu jistgħu jiġu ridiretti lejn proġetti oħra.*** **[Em. 108]**

Parti III – Implimentazzjoni b'ġestjoni diretta u indiretta

Kapitolu I – Regoli speċifiċi għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali

Taqsima I: Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 23

Għanijiet operazzjonali

Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għandha l-għanijiet operazzjonali li:

(a) tiżviluppa għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja ħalli jkun żgurat li l-politiki intiżi biex jilħqu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti ~~fl-Arikolu 4 ikunu~~ ***fl-Artikolu 4 jkunu*** bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, l-isfidi u l-kundizzjonijiet fil-pajjiżi assoċjati;

(b) tiffaċilita skambju effettiv u inklużiv tal-informazzjoni, tagħlim reċiproku, evalwazzjonijiet bejn il-pari u djalogu fuq il-politiki fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4 biex il-pajjiżi assoċjati jingħataw l-għajnuna ħalli jieħdu l-miżuri ta' politika xierqa;

(c) tappoġġa l-esperimentazzjonijiet soċjali fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4 u ssawwar il-kapaċità tal-partijiet konċernati biex ***iħejju, ifasslu u*** jimplimentaw, jittrasferixxu jew itejbu l-innovazzjonijiet ittestjati tal-politika soċjali ***b'enfasi speċjali fuq il-promozzjoni tat-tkabbir ta' proġetti lokali żviluppati mill-bliet, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi soċjoekonomiċi fil-qasam tal-akkoljenza u l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***;

(d) ***tiżviluppa u*** tagħti servizzi speċifiċi ta' appoġġ lil dawk li jħaddmu u lil persuni li qed ifittxu impjieg ħalli jiġu żviluppati swieq tax-xogħol Ewropej integrati, li jvarjaw mit-tħejjija ta' qabel ir-reklutaġġ sal-għajnuna għal wara l-kollokament f'impjieg biex jimtlew postijiet battala f'ċerti setturi, professjonijiet, pajjiżi, reġjuni tal-fruntiera jew għal gruppi partikolari (eż. il-persuni ***f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli);

***(da) tappoġġa s-sħubijiet transfruntieri bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali biex tippromwovi suq tax-xogħol transfruntier u mobbiltà transfruntiera b'kundizzjonijiet adegwati;***

***(db) tappoġġa l-provvista ta' servizzi EURES għar-reklutaġġ u l-kollokament ta' ħaddiema f' impjieg ta' kwalità u sostenibbli permezz tal-ikklerjar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol, anke permezz ta' sħubijiet transfruntieri;***

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

***(dc) tiffaċilita l-mobbiltà ġeografika volontarja ta' ħaddiema b'kundizzjonijiet soċjali adegwati u żżid l-opportunitajiet ta' impjieg permezz tal-iżvilupp ta' swieq tax-xogħol ta' kwalità għolja u inklużivi fl-Unjoni, li jkunu miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-ħaddiema fl-Unjoni kollha;***

(e) tagħti appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tas-suq relatata mal-provvista ta' mikrofinanzjament***, kif ukoll id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tagħha*** għall-mikrointrapriżi***, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-persuni vulnerabbli*** fil-fażijiet tal-bidu u tal-iżvilupp tagħhom, b'mod partikolari lil dawk li jhaddmu persuni ***f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli ***inklużi l-gruppi żvantaġġati***;

(f) tiżviluppa netwerking fil-livell tal-UE u d-djalogu mal-partijiet konċernati rilevanti u bejniethom fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4 u tagħti kontribut biex tissawwar il-kapaċità istituzzjonali ~~ta' dawn il-partijiet~~ ***tal-partijiet*** konċernati ***involuti***, inkluż is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES), l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ***is-soċjetà ċivili,*** l-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament u l-istituzzjonijiet li jipprovdu finanzjament lill-intrapriżi ***tal-ekonomija*** soċjali u ~~lill-intrapriżi tal-ekonomija~~ ***lill-ekonomija*** soċjali;

(g) issostni l-iżvilupp ta' intrapriżi ***tal-ekonomija*** soċjali u l-formazzjoni ta' suq tal-investiment soċjali, filwaqt li tiffaċilita l-interazzjonijiet pubbliċi u privati u l-parteċipazzjoni tal-fondazzjonijiet u tal-atturi filantropiċi f'dak is-suq;

(h) tipprovdi gwida għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali (inkluż djar, ***edukazzjoni u indukrar bikrija tat-tfal, kura tal-anzjani, rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u tranżizzjoni mis-servizzi istituzzjonali għal dawk ibbażati fil-familja u l-komunità, inklużi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà,*** indukrar tat-tfal, edukazzjoni u taħriġ, kura tas-saħħa u kura fit-tul) li hemm bżonn għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

(i) tappoġġa l-koperazzjoni transfruntiera biex tħaffef it-trasferiment ta' soluzzjonijiet innovattivi u ~~tiffaċilità l-iskalar~~ ***tiffaċilita t-tisħiħ*** tagħhom, b'mod partikolari ~~fil-qasam tal-impjiegi~~ ***fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-faqar, l-impjiegi***, il-ħiliet u l-inklużjoni soċjali, madwar l-Ewropa; **[Em. 109]**

(j) tappoġġa l-implimentazzjoni ta' standards soċjali u tax-xogħol internazzjonali rilevanti fil-kuntest tal-isfruttar għaqli tal-globalizzazzjoni u d-dimensjoni esterna tal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4.

***Artikolu 23a***

***Konċentrazzjoni tematika u finanzjament***

***Il-parti tal-pakkett finanzjarju tal-FSE+ għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali msemmija fl-Artikolu 5(4) (a) għandha tiġi allokata fuq il-perjodu kollu għall-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(2b) skont dawn il-perċentwali indikattivi li ġejjin:***

***(a) 55 % għall-għan speċifiku 1;***

***(b) 18 % għall-għan speċifiku 2;***

***(c) 18 % għall-għan speċifiku 3.*** **[Em. 110]**

Taqsima II – Eliġibbiltà

Artikolu 24

Azzjonijiet eliġibbli

1. Għall-finanzjament għandhom ikunu eliġibbli biss azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 3 u 4.

2. Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tista' tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) Attivitajiet analitiċi, inkluż b'rabta ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari:

(i) stħarriġiet, studji, data statistika, metodoloġiji, klassifikazzjonijiet, mikrosimulazzjonijiet, indikaturi, appoġġ għal osservatorji u punti ta' riferiment fil-livell Ewropew;

(ii) esperimentazzjonijiet soċjali li jevalwaw l-innovazzjonijiet soċjali;

(iii) monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

(b) L-implimentazzjoni tal-politiki, b'mod partikolari:

(i) sħubijiet transfruntieri u servizzi ta' appoġġ f'reġjuni transfruntieri;

(ii) skema ta' mobbiltà mmirata għax-xogħol mifruxa mal-UE kollha biex jimtlew il-postijiet battala meta jkunu ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol;

(iii) appoġġ għall-mikrofinanzjament u għall-intrapriżi ***tal-ekonomija*** soċjali, inkluż b'operazzjonijiet ta' taħlit bħall-kondiviżjoni tar-riskji asimetrika jew tnaqqis fl-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, kif ukoll appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali u tal-ħiliet;

(iv) appoġġ għall-koperazzjoni u s-sħubijiet transnazzjonali għal trasferiment u titjib tas-soluzzjonijiet innovattivi;

(c) It-tiswir tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari:

(i) tan-netwerks fil-livell tal-UE relatati mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1);

(ii) tal-punti ta' kuntatt nazzjonali li jipprovdu gwida, informazzjoni u assistenza relatati mal-implimentazzjoni tal-fergħa;

(iii) tal-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi parteċipanti, l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u s-servizzi tal-impjiegi responsabbli biex jippromwovu l-mobbiltà tal-ħaddiema, tal-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament u tal-istituzzjonijiet li jipprovdu finanzjament lill-intrapriżi ***tal-ekonomija*** soċjali u lil atturi oħra tal-investiment soċjali, kif ukoll netwerking;

(iv) ***tas-sħab soċjali u*** tal-partijiet konċernati fid-dawl tal-koperazzjoni transfruntiera;

(d) Attivitajiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni, b'mod partikolari:

(i) tagħlim reċiproku permezz tal-iskambju ta' prattiki tajba, approċċi innovattivi, riżultati ta' attivitajiet analitiċi, evalwazzjonijiet bejn il-pari, u t-tqegħid ta' punti ta' riferiment;

(ii) gwidi, rapporti, materjal informattiv u rappurtar fil-midja ta' inizjattivi relatati mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1);

(iii) sistemi tal-informazzjoni li jqassmu evidenza relatata mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1);

(iv) ~~avvenimenti, konferenzi u seminars tal-Presidenza tal-Kunsill.~~ ***assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inklużi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.*** **[Em. 111]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

Artikolu 25

Entitajiet eliġibbli

1. Minbarra l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [197] tar-Regolament Finanzjarju, għall-entitajiet għandhom japplikaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

(a) L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'xi wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

(i) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;

(ii) pajjiż assoċjat;

(iii) pajjiż terz elenkat fil-programm ta' ħidma skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 2 u 3;

(b) Kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont il-liġi tal-Unjoni jew ~~kwalunkwe~~ organizzazzjoni internazzjonali ***rilevanti***; **[Em. 112]**

2. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux pajjiż assoċjat huma eliġibbli b'mod eċċezzjonali biex jieħdu sehem meta dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' azzjoni partikolari.

3. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux pajjiż assoċjat għandhom iġorru l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tagħhom.

***Artikolu 25a***

***Governanza***

***1. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati fl-Unjoni, partikolarment is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-programmi ta' ħidma tal-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali, il-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet strateġiċi tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom.***

***2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rabtiet meħtieġa mal-Kumitat tal-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Grupp tad-Diretturi Ġenerali għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema sabiex tiżgura li dawn ikunu informati regolarment u b'mod xieraq fir-rigward tal-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi. Il-Kummissjoni għandha tinforma wkoll lil kumitati oħra li jittrattaw il-politiki, l-istrumenti u l-azzjonijiet dwar ir-rilevanza għall-Fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali.*** **[Em. 113]**

Kapitolu II – Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-fergħa tas-Saħħa

Taqsima I: Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 26

Għanijiet operazzjonali

1. Għall-finanzjament għandhom ikunu eliġibbli biss azzjonijiet li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 3 u 4.

2. Il-fergħa Saħħa għandha l-għanijiet operazzjonali li ġejjin:

***(-a) Tappoġġa strateġija tal-Unjoni dwar is-saħħa pubblika li jkollha l-għan li:***

***(i) tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jipproteġu u jsaħħu s-saħħa pubblika; u***

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

***(ii) isir progress fil-missjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa skont l-Artikolu 168 tat-TFUE, li jistipula li għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.*** **[Em. 114]**

(a) Issaħħaħ l-istat ta' tħejjija, il-ġestjoni u r-rispons fl-UE f'każ ta' kriżijiet ~~ħalli ċ-ċittadini jitħarsu mit-theddid~~ ***biex jiġi indirizzat it-theddid*** transfruntier ~~tas-saħħa~~ ***għas-saħħa***. **[Em. 115]**

(i) toħloq miżuri għat-tiswir tal-kapaċitajiet għall-istat ta' tħejjija, il-ġestjoni u r-rispons f'każ ta' kriżijiet

(ii) twieġeb għat-theddid transfruntier tas-saħħa matul kriżi

(iii) tappoġġa l-kapaċità tal-laboratorji

(iv) tindirizza r-reżistenza għall-antimikrobiċi

***(iva) Interventi fis-saħħa pubblika mfassla tajjeb għat-tnaqqis tal-piż u tal-impatt tal-infezzjonijiet u ta' mard infettiv li jista' jiġi evitat*** **[Em. 116]**

***(ivb) tappoġġa l-iżvilupp ta' ħiliet u għodod għall-komunikazzjoni effettiva tar-riskji*** **[Em. 117]**

(b) Issaħħaħ is-sistemi tas-saħħa

(i) tinvesti fil-promozzjoni tas-saħħa u fil-prevenzjoni tal-mard***, inkluż permezz tal-litteriżmu fis-saħħa u ta' programmi edukattivi, u permezz tal-promozzjoni tal-attività fiżika*** **[Em. 118]**

***(ia) tinvesti fid-dijanjożi bikrija u fl-iscreening*** **[Em. 119]**

(ii) tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa u l-kura ***li jaqdu l-bżonnijiet u jindirizzaw it-tħassib tal-pazjenti u taċ-ċittadini, b'mod partikolari billi jistabbilixxu rabtiet mal-programmi li jappoġġaw il-litteriżmu medjatiku u l-ħiliet diġitali*** **[Em. 120]**

***(iia) tippromwovi servizzi pubbliċi diġitali f'oqsma bħas-saħħa*** **[Em. 121]**

***(iib) issaħħaħ is-sigurtà u l-kwalità tal-informazzjoni dwar is-saħħa*** **[Em. 122]**

(iii) tappoġġa l-iżvilupp ta' sistema sostenibbli***, trasparenti u aċċessibbli*** tal-informazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa***, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tad-data privata*** **[Em. 123]**

(iv) tappoġġa lill-Istati Membri ~~b'trasferiment~~ ***bi trasferiment*** ta' għarfien ***u appoġġ għall-implimentazzjoni,*** utli għall-proċessi ta' riforma nazzjonali għal aktar sistemi tas-saħħa ~~effettivi~~ ***effikaċi***, aċċessibbli***, reżiljenti, mhux diskriminatorji*** u ~~reżiljenti~~ ***ekwi li jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjali,*** u biex il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni mill-mard jiġu indirizzati aħjar, b'mod partikolari l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew***. Dan jinkludi wkoll l-appoġġ favur reġistri nazzjonali tal-mard ta' kwalità għolja li jfornu wkoll data komparabbli.*** **[Em. 124]**

(v) tiżviluppa u timplimenta approċċi li jwieġbu għall-isfidi tal-futur tas-sistema tas-saħħa

***(va) tappoġġa t-tranżizzjoni lejn kura ċċentrata fuq il-persuna, servizzi tas-saħħa u soċjali fil-qrib, u kura integrata bbażata fuq il-komunità, b'mod partikolari l-promozzjoni ta' mudelli organizzattivi bbażati fuq xogħol f'tim interprofessjonali u netwerking ta' bosta partijiet ikkonċernati*** **[Em. 125]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

***(vb) tiżgura l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-azzjonijiet t'hawn fuq, fil-livell tal-Unjoni u/jew nazzjonali kif xieraq*** **[Em. 126]**

***(vc) tiżviluppa u timplimenta għodod u strateġiji biex jiġu evitati u indirizzati l-inugwaljanzi tas-saħħa u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, l-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni tal-komunità*** **[Em. 127]**

(c) Tappoġġa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa

(i) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti mediċinali***, l-aċċess għal tali prodotti fl-Unjoni kollha*** u t-tagħmir mediku **[Em. 128]**

(ii) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (HTA) ([27])

(iii) twettaq monitoraġġ u tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sustanzi ta' oriġini umana (SoHO)

(iv) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk

(v) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa transfruntiera

(vi) tappoġġa ~~lill-kumitati xjentifiċi tal-Kummissjoni dwar "Is-Sikurezza tal-Konsumaturi" u dwar "Ir-Riskji~~ ***l-iżvilupp tas-Saħħa fil-Politiki Kollha u tistabbilixxi proċessi li permezz tagħhom l-implikazzjonijiet*** tas-saħħa ~~tas-Saħħa, Ambjentali u Emerġenti"~~***jistgħu jitqiesu fil-politiki kollha*** **[Em. 129]**

***(ca) tappoġġa l-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ ta' leġiżlazzjoni u politiki oħra tal-Unjoni b'implikazzjonijiet tas-saħħa sabiex tgħin biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, inkluż iżda mhux limitat għal dawk relatati ma':***

***(i) it-tniġġis tal-arja***

***(ii) l-interferenti endokrinali u sustanzi kimiċi oħra bi proprjetajiet dannużi***

***(iii) ir-residwi tal-pestiċidi fl-ikel, l-ilma u l-arja***

***(iv) l-ikel u t-tikkettar tal-ikel, inklużi l-aċidi tax-xaħam trans, it-tikkettar tal-alkoħol, l-addittivi u l-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel*** **[Em. 130]**

(d) tappoġġa l-ħidma integrata (eż. l-ERNs, l-HTA u l-implimentazzjoni tal-aqwa prattiki għall-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard)

(i) tissokta tappoġġa n-Netwerks Ewropej ta' Referenza (l-ERNs)

(ii) issostni l-iżvilupp ta' koperazzjoni ~~dwar il-Valutazzjoni~~ ***u l-bini ta' kapaċità fil-Valutazzjoni*** tat-Teknoloġija tas-Saħħa (HTA) waqt it-tħejjija ta' regoli armonizzati ġodda **[Em. 131]**

(iii) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-aqwa prattiki għal innovazzjoni fis-saħħa pubblika

***(iiia) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-programmi u tal-aħjar prattiki dwar l-edukazzjoni u l-kampanji tas-saħħa sesswali u riproduttiva għaż-żgħażagħ*** **[Em. 132]**

---

([27]) Il-Kummissjoni adottat proposta dwar l-HTA (COM(2018)0051final.

***(iiib) tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam tas-saħħa u kwistjonijiet relatati mas-saħħa fil-livell tal-Unjoni*** **[Em. 133]**

***(iiic) tappoġġa l-ħolqien ta' Bord ta' Tmexxija għas-Saħħa, biex jimplimenta l-azzjonijiet fl-ambitu tal-fergħa tas-Saħħa.*** **[Em. 134]**

Taqsima II

Eliġibbiltà

Artikolu 27

Azzjonijiet eliġibbli

1. Għall-finanzjament għandhom ikunu eliġibbli biss azzjonijiet ***relatati mas-saħħa*** li jimplimentaw l-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 3***, 4*** u 26. **[Em. 135]**

2. Il-fergħa tas-Saħħa tista' tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) Attivitajiet analitiċi, b'mod partikolari:

(i) stħarriġiet, studji, data statistika, metodoloġiji, klassifikazzjonijiet, mikrosimulazzjonijiet, indikaturi, u eżerċizzji ta' punti ta' riferiment;

***(ia) attivitajiet imfassla biex jimmonitorjaw l-impatti tas-saħħa kumulattivi ta' fatturi ta' riskju ambjentali, inklużi dawk li jirriżultaw minn kontaminanti fl-ikel, l-ilma, l-arja u sorsi oħra;*** **[Em. 136]**

***(ib) attivitajiet li jimmonitorjaw l-impatti tas-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, bħall-farmakoviġilanza u oħrajn simili;*** **[Em. 137]**

(ii) monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

***Ir-riżultati ta' attivitajiet analitiċi, ladarba jiġu ffinalizzati, għandhom isiru disponibbli pubblikament.*** **[Em. 138]**

(b) L-implimentazzjoni tal-politiki, b'mod partikolari:

(i) kollaborazzjoni u sħubijiet transfruntieri, inkluż fir-reġjuni transfruntieri ***u inkluż b'rabta mat-tniġġis tal-arja u kontaminazzjoni ambjentali transfruntiera oħra***; **[Em. 139]**

(ii) appoġġ għall-koperazzjoni u s-sħubijiet transnazzjonali għal trasferiment u titjib tas-soluzzjonijiet innovattivi;

(iii) Eżerċizzji dwar l-istat tat-tħejjija għal kriżijiet tas-saħħa.

(c) It-tiswir tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari:

(i) bi ***skambju,*** trasferiment, adattament u introduzzjoni tal-aqwa prattiki b'valur miżjud fil-livell tal-UE stabbilit bejn l-Istati Membri; **[Em. 140]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

(ii) tan-netwerks fil-livell tal-UE relatati mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 26***, b'mod kontinwu u sostenibbli, filwaqt li tiġi żgurata l-preżenza ta' soċjetà ċivili attiva fil-livell tal-Unjoni***; **[Em. 141]**

(iii) b'appoġġ għal iskjerament, tħaddim u manteniment ta' infrastruttura tal-IT għall-iskambju tad-data;

(iv) tal-punti ta' kuntatt ***reġjonali, subnazzjonali u*** nazzjonali li jipprovdu gwida, informazzjoni u għajnuna relatati mal-implimentazzjoni tal-programm; **[Em. 142]**

(v) tal-partijiet konċernati fid-dawl tal-koperazzjoni transfruntiera;

(vi) b'assistenza f'koperazzjoni ma' pajjiżi terzi;

(vii) b'akkwist ta' oġġetti u servizzi f'każ ta' kriżi tas-saħħa

(d) Attivitajiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni, b'mod partikolari:

(i) tagħlim reċiproku permezz tal-iskambju ta' prattiki tajba, approċċi innovattivi, riżultati ta' attivitajiet analitiċi, evalwazzjonijiet bejn il-pari, u t-tqegħid ta' punti ta' riferiment;

(ii) gwidi, rapporti, materjal informattiv u rapportar fil-midja ta' inizjattivi relatati mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 26;

(iii) sistemi ta' informazzjoni ta' disseminazzjoni ta' evidenza relatata mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 26;

(iv) avvenimenti u azzjonijiet preparatorji rispettivi, konferenzi u seminars tal-Presidenza tal-Kunsill.

3. L-azzjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu għandhom ikunu eliġibbli biss diment li dawn ikunu jappoġġaw il-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala, it-titjib fl-istat tat-tħejjija għall-kriżijiet, l-introduzzjoni tal-aqwa prattiki ta' valur miżjud għoli identifikati, jew diment dawn isiru bil-għan li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 26(3) jiġu implimentati, infurzati, evalwati u riveduti skont il-bżonn.

## Artikolu 28

## Entitajiet eliġibbli u spejjeż

1. Minbarra l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [197] tar-Regolament Finanzjarju, għall-entitajiet għandhom japplikaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

(a) entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

(i) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;

(ii) pajjiżi assoċjat;

(iii) pajjiż terz elenkat fil-programm ta' ħidma skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 3 u 4;

(b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont il-liġi tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali;

2. Il-persuni fiżiċi mhumiex eliġibbli.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

3. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux pajjiż assoċjat huma eliġibbli b'mod eċċezzjonali biex jieħdu sehem meta dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' azzjoni partikolari.

4. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux pajjiż assoċjat għandhom iġorru l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tagħhom.

5. F'każijiet eċċezzjonali, waqt kriżi minħabba theddid transfruntier serju tas-saħħa kif definit fid-Deċiżjoni (UE) Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]), l-ispejjeż imġarrba fil-pajjiżi mhux assoċjati jistgħu jitqiesu eliġibbli b'mod eċċezzjonali jekk dawn ikunu ġustifikati kif xieraq minħabba l-ġlieda kontra t-tixrid tar-riskju għall-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini tal-UE.

Artikolu 29

Governanza

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, tal-Ġestjoni u l-Kontroll tal-Mard li ma jitteħidx jew fi gruppi ta' esperti oħra rilevanti tal-Kummissjoni jew f'entitajiet simili ***bħal korpi professjonali fil-qasam tas-saħħa,*** fuq il-pjanijiet ta' ħidma ***annwali*** stabbiliti għall-fergħa tas-Saħħa, u dwar il-prijoritajiet u orjentazzjonijiet strateġiċi u l-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll fuq il-perspettiva tal-politika tas-saħħa ta' politiki oħra u mekkaniżmi tal-appoġġ, biex b'hekk jiżdiedu l-koordinazzjoni ġenerali u l-valur miżjud tagħhom. ***Tmexxija politika b'saħħitha u struttura ta' governanza adegwata ddedikata għas-saħħa se jiżguraw li l-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa jiġu ggarantiti fil-portafolli kollha tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 168(1) tat-TFUE.*** **[Em. 143]**

***Artikolu 29a***

***Bord ta' Tmexxija għas-Saħħa***

***1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord ta' Tmexxija għas-Saħħa ("il-Bord ta' Tmexxija") għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet skont il-fergħa tas-Saħħa.***

***2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiffoka fuq il-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-fergħa tas-Saħħa u programmi oħra fejn dimensjoni tas-saħħa hija integrata, permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni, il-promozzjoni tal-involviment tal-pazjenti u tas-soċjetà, u l-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet xjentifiċi. Dawk l-azzjonijiet għandhom jipprovdu valur orjentat lejn l-azzjonijiet tas-saħħa, sostenibbiltà, soluzzjonijiet tas-saħħa aħjar, irawmu aċċess u jnaqqsu l-inugwaljanzi.***

***3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jipprovdi strateġija komprensiva u tmexxija fl-iżvilupp tal-pjanijiet ta' ħidma skont il-fergħa tas-Saħħa.***

***4. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun grupp ta' partijiet ikkonċernati indipendenti, magħmul minn atturi mis-setturi rilevanti fil-qasam tas-saħħa pubblika, tal-benessri u tal-protezzjoni soċjali, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tar-reġjuni u tal-awtoritajiet tas-saħħa lokali, rappreżentanti tal-pazjenti u ċittadini.***

***5. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn 15-il individwu sa 20 individwu ta' livell għoli li jkunu ġejjin minn dixxiplini u attivitajiet differenti msemmija fil-paragrafu 4. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess jew it-tnejn li huma.***

***6. Il-President tal-Bord ta' Tmexxija għandu jinħatar mill-Kummissjoni minn fost il-membri tiegħu.***

([28]) Id-Deċiżjoni (UE) Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

***7. Il-Bord ta' Tmexxija għandu:***

***(a) jipprovdi input għal pjanijiet ta' ħidma annwali għall-fergħa tas-Saħħa, wara proposta mill-Kummissjoni;***

***(b) jelabora pjan ta' azzjoni għat-tmexxija tal-koordinazzjoni u tal-kooperazzjoni bejn il-fergħa tas-Saħħa u programmi oħra fejn tiġi integrata d-dimensjoni tas-saħħa.***

***Il-pjan ta' azzjoni għandu jiffaċilita l-iżgurar tal-viżibbiltà u tal-koordinazzjoni tal-mekkaniżmi finanzjarji eżistenti kollha rilevanti għas-saħħa, u għandu jgħin fit-tmexxija tal-koordinazzjoni u tal-kooperazzjoni.*** [Em. 144]

***Artikolu 29b***

***Kooperazzjoni internazzjonali***

***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħhom, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) biex timplimenta l-fergħa tas-Saħħa, bil-għan li timmassimizza l-effikaċja u l-effiċjenza tal-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali.*** [Em. 145]

Kapitolu III

Regoli komuni applikabbli għall-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa

Artikolu 30

Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa

1. Il-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa għandhom ikunu miftuħa għall-pajjiżi assoċjati li ġejjin:

(a) Il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE;

(b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew fi ftehimiet simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(c) pajjiżi terzi, b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tagħhom f'fergħa, diment li dan il-ftehim:

(i) ikun jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;

(ii) ikun jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali jew fergħat tal-programmi u tal-ispejjeż amministrattivi tagħhom. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxi dħul assenjat b'konformità mal-Artikolu [21(5)] tar-Regolament Finanzjarju;

(iii) ma jkunx jagħti setgħat ta' deċiżjoni lill-pajjiż terz fuq il-fergħa;

(iv) ikun jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni biex tkun żgurata ġestjoni finanzjarja soda u jitħarsu l-interessi finanzjarji tagħha.

**Il-Ħamis 4 ta’ April 2019**

2. Minbarra dan, il-fergħa tas-Saħħa għandha tkun miftuħa wkoll għall-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta’ dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni, jew fi ftehimiet simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

Artikolu 31

Forom ta’ finanzjament tal-UE u metodi tal-implimentazzjoni

1. Il-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa jistgħu jipprovdu finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b’mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist***, kontribuzzjonijiet*** u pagamenti volontarji lil Organizzazzjonijiet Internazzjonali li l-Unjoni hi membru tagħhom jew li tieħu sehem fil-ħidma tagħhom.

2. Il-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa għandhom jiġu implimentati direttament kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju jew indirettament mal-korpi msemmija fl-Artikolu [61(1)(c)] tar-Regolament Finanzjarju. **[Em. 146]**

Fl-għoti ta’ għotjiet, il-kumitat ta’ evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu [150] tar-Regolament Finanzjarju jista’ jkun kompost minn esperti esterni.

3. L-operazzjonijiet ta’ taħlit skont il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għandhom jiġu implimentati b’konformità mar-[Regolament dwar InvestUE] u t-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.

4. Permezz tal-fergħa tas-Saħħa, jistgħu jingħataw għotjiet diretti mingħajr sejħa għal proposti biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet b’valur miżjud tal-Unjoni ċar kofinanzjati mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-saħħa fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, jew minn korpi tas-settur pubbliku u korpi nongovernattivi, li jaġixxu individwalment jew bħala netwerk, bil-mandat ta’ dawk l-awtoritajiet kompetenti.

5. Permezz tal-fergħa tas-Saħħa, jistgħu jingħataw għotjiet diretti mingħajr sejħa għal proposti lil Netwerks Ewropej ta’ Referenza approvati bħala Netwerks mill-Bord tal-Istati Membri tan-Netwerks Ewropej ta’ Referenza, skont il-proċedura tal-approvazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/287/UE li tistipula kriterji għall-istabbiliment u l-evalwazzjoni tan-Netwerks Ewropej ta’ Referenza u l-Membri tagħhom u biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni u tal-għarfien espert dwar l-istabbiliment u l-evalwazzjoni ta’ Netwerks bħal dawn.

Artikolu 32

Programm ta’ ħidma u koordinazzjoni

~~Il-fergħat~~ ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 38 sabiex tissupplementa l-fergħa*** tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u ***l-fergħa*** tas-Saħħa ~~għandhom jiġu implimentati bil-programmi~~ ***billi tistabbilixxi programmi*** ta’ ħidma ~~msemmija~~ ***kif imsemmi*** fl-Artikolu [108] tar-Regolament Finanzjarju. ***Dawk*** il-programmi ta’ ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta’ taħlit. **[Em. 147]**

Il-Kummissjoni għandha trawwem sinerġiji u tiżgura koordinazzjoni effettiva bejn il-fergħa tas-Saħħa tal-FSE+ u Programm ta’ Appoġġ għal Riformi, inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta’ Riformi u l-Istrument ta’ Appoġġ Tekniku.

Artikolu 33

Monitoraġġ u rappurtar

1. Għandhom jiġu stabbiliti indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-progress tal-fergħat biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-għanijiet operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 23 u 26.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

2. Is-sistema tar-rappurtar tal-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-fergħat u r-riżultati jinġabru b'mod effiċjenti, effikaċi u fil-ħin. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti tar-rappurtar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-UE u, meta rilevanti, fuq l-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 38 biex ~~tissupplimenta~~ ***tissupplementa*** jew temenda l-indikaturi ~~fl-Anness~~ ***fl-Annessi IIb u*** III meta jidhrilha li jkun meħtieġ biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress fl-implimentazzjoni tal-fergħat.

***3a. Bil-ħsieb tal-monitoraġġ regolari tal-fergħat u li jsir kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-politika u l-prijoritajiet ta' finanzjament tagħhom, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv li jkopri l-ewwel sena, segwit minn tliet rapporti li jkopru perjodi konsekuttivi ta' sentejn u għandha tissottometti dawk ir-rapporti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Ir-rapporti għandhom jiġu sottomessi wkoll, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Ir-rapporti għandhom jinkludu r-riżultati tal-fergħat u l-punt sa fejn il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-integrazzjoni tal-ġeneru ġew applikati kif ukoll kif il-kunsiderazzjonijiet tal-antidiskriminazzjoni, inklużi kwistjonijiet tal-aċċessibbiltà, ġew indirizzati permezz tal-attivitajiet tagħhom. Ir-rapporti għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku biex tittejjeb it-trasparenza tal-fergħat.*** **[Em. 148]**

Artikolu 34

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jieħu sehem fil-programm permezz ta' deċiżjoni skont ftehim internazzjonali, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jsiru investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, b'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Artikolu 35

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom isiru biżżejjed fil-ħin biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2. ~~L-evalwazzjoni interim~~ ***Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu*** tal-fergħat ~~tista' ssir ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tagħhom, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-fergħat.~~ ***sabiex:***

***(a) tivvaluta, fuq bażi kwalitattiva u kwantitattiva, il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet tal-fergħa;***

***(b) tindirizza l-ambjent soċjali fl-Unjoni u kwalunkwe bidla maġġuri introdotta mid-dritt tal-Unjoni;***

***(c) tiddetermina jekk ir-riżorsi tal-fergħat ġewx użati b'mod effiċjenti u tivvaluta l-valur miżjud tagħhom għall-Unjoni.***

***Ir-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** **[Em. 149]**

3. Fi tmiem il-perjodu tal-implimentazzjoni, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara tmiem il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 5, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-fergħat.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

Artikolu 36

Awditi

L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew entitajiet, inkluż minn oħrajn minbarra dawk imqabbda mill-Istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 37

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni relatati mal-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni ~~korporattiva~~ tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, diment li dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 4, 23 u 26. **[Em. 150]**

Parti IV – Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 38

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15(6), fl-Artikolu 21(5)***, fl-Artikolu 32*** u fl-Artikolu 33(3) għal perjodu taż-żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 15(6), l-Artikolu 21(5)***, l-Artikolu 32*** u l-Artikolu 33(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li jkun ġie adottat skont l-Artikolu 15(6), l-Artikolu 21(5)***, l-Artikolu 32*** u l-Artikolu 33(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. **[Em. 151]**

**Il-Ħamis 4 ta’ April 2019**

Artikolu 39

Komitoloġija għall-fergħa b’ġestjoni kondiviża tal-FSE+

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu [109(1)] tar-Regolament (UE) …/… [is-CPR il-ġdid].

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 40

Kumitat skont l-Artikolu 163 tat-TFUE

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 163 tat-TFUE (“il-Kumitat tal-FSE+”).

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar rappreżentant wieħed tal-gvern, rappreżentant wieħed tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, rappreżentant wieħed tal-organizzazzjonijiet ta’ min iħaddem, ***rappreżentant wieħed tas-soċjetà ċivili, rappreżentant wieħed tal-korpi tal-ugwaljanza jew istituzzjonijiet oħra indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem b’konformità mal-punt (c) tal-[Artikolu 6(1)] tar-Regolament (UE) …/… [is-CPR il-ġdid]*** u supplent wieħed għal kull membru għal perjodu massimu ta’ seba’ snin. Fl-assenza ta’ xi membru, is-supplent għandu jkun intitolat awtomatikament li jieħu sehem fil-proċedimenti.

3. Il-Kumitat tal-FSE+ għandu jinkludi rappreżentant wieħed minn kull organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, lill-organizzazzjonijiet ta’ min iħaddem ***u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** fil-livell tal-Unjoni.

***3a. Il-Kumitat tal-FSE+ jista’ jistieden lir-rappreżentanti tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-Fond Ewropew tal-Investiment.***

***3b. Fil-Kumitat FSE+ għandhom jiġu ssalvagwardjati l-bilanċ bejn is-sessi u r-rappreżentanza xierqa tal-minoranzi u ta’ gruppi esklużi oħra.***

4. Il-Kumitat tal-FSE+ għandu jiġi kkonsultat dwar l-użu ppjanat tal-assistenza teknika fil-każ ta’ appoġġ mill-fergħa b’ġestjoni kondiviża tal-FSE+, kif ukoll fuq kwistjonijiet oħra li jħallu impatt fuq ~~l-implimentazjoni~~ ***l-implimentazzjoni*** tal-istrateġiji fil-livell tal-Unjoni li huma rilevanti għall-FSE+;

5. Il-Kumitat tal-FSE+ jista’ jagħti opinjoni dwar:

(a) mistoqsijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet tal-FSE+ għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inklużi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u prijoritajiet relatati mas-semestru (programmi nazzjonali ta’ riforma, eċċ.);

(b) kwistjonijiet relatati mar-Regolament (UE) …/… [is-CPR il-ġdid] rilevanti għall-FSE+;

(c) kwistjonijiet relatati mal-FSE+ riferuti lilu mill-Kummissjoni, għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 4.

L-opinjonijiet tal-Kumitat tal-FSE+ għandhom jiġu adottati minn maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa b’mod validu, u għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għal informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat tal-FSE+ ***bil-miktub*** dwar kif tkun qieset l-opinjonijiet tiegħu.

6. Il-Kumitat tal-FSE+ jista’ jwaqqaf gruppi ta’ ħidma għal kull tal-fergħa differenti tal-FSE+. **[Em. 152]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

Artikolu 41

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-FSE+b'ġestjoni kondiviża

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]), ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]) jew kwalunkwe att adottat skonthom għandhom jibqgħu japplikaw għal programmi u operazzjonijiet appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew u mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn skont il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

Artikolu 42

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u għall-fergħa tas-Saħħa

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]) u r-Regolament (UE) Nru 282/2014 qed jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u għall-fergħa tas-Saħħa jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn l-FSE+ u l-miżuri adottati skont il-predeċessuri tiegħu: il-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Programm tal-Unjoni għas-Saħħa.

3. Jekk meħtieġ, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 5(6) [assistenza teknika u amministrattiva], sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux kompletati sal-31 ta' Diċembru 2027.

4. Ir-rimborżi minn strumenti finanzjarji stabbiliti mill-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI 2014-2020) għandhom jiġu investiti fl-istrumenti finanzjarji tat-"tieqa soċjali" tal-Fond InvestEU stabbilit skont ir-Regolament (UE) xxx/xxx.

Artikolu 43

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

([29]) Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

([30]) Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

([31]) Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

ANNESS I ([1])

Indikaturi komuni għall-appoġġ ġenerali tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+

Id-data personali kollha għandha tinqasam skont il-ġeneru (mara, raġel, "'mhux binarju'"). Jekk xi riżultati ma jkunux ~~possibbli~~ ***disponibbli***, id-data għal dawk ir-riżultati ma għandhiex tinġabar u tiġi rrappurtata. ***Data personali sensittiva tista' tiġi mistħarrġa b'mod anonimu.***

(1) Indikaturi komuni tal-outputs relatati mal-operazzjonijiet immirati lejn il-persuni:

(1a) Indikaturi komuni tal-outputs għall-parteċipanti

— L-indikaturi komuni tal-outputs għall-parteċipanti huma:

— persuni qiegħda, inkluż dawk qiegħda fit-tul*,

— persuni qiegħda fit-tul*,

— persuni inattivi*,

— persuni impjegati, inkluż dawk li jaħdmu għal rashom*,

— ***persuni barra mill-edukazzjoni jew it-taħriġ (NEET)*,***

— ~~persuni iżgħar minn 30~~ ***tfal taħt l-età ta' 18-il*** sena*,

— ***żgħażagħ bejn it-18 u d-29 sena*,***

— persuni akbar minn 54 sena*,

— persuni b'edukazzjoni sekondarja ~~baxxa~~ ***tal-ewwel livell*** jew inqas (ISCED 0-2)*,

— persuni b'edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3) jew b'edukazzjoni postsekondarja (ISCED 4)*,

— persuni b'edukazzjoni terzjarja (ISCED 5 sa 8)*.

It-total ta' parteċipanti se jiġi kkalkulat awtomatikament abbażi tal-indikaturi komuni tal-outputs relatati mal-istatus tal-impjieg.

(1b) Indikaturi komuni oħra tal-outputs

Jekk id-data għal dawn l-indikaturi ma tinġabarx mir-reġistri tad-data, il-valuri ta' dawn l-indikaturi jistgħu jiġu ddeterminati abbażi ta' stima informata mill-benefiċjarju. ***Id-data dejjem tiġi pprovduta mill-parteċipanti fuq bażi volontarja.***

— persuni b'diżabbiltà**,

— ***persuni taħt l-età ta' 18-il sena*,***

([1]) Id-data rrappurtata bl-indikaturi mmarkati b'asterisk (*) hi data personali skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Id-data rrappurtata bl-indikaturi mmarkati b'żewġ asterisks (**) hi kategorija speċjali tad-data skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679.

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

— ċittadini ta' pajjiżi terzi*,

— persuni bi sfond barrani*,

— minoranzi ~~(inkluż il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma)~~ (***hlief mill-komunità Rom***)**,

— ***persuni mill-komunità Rom**,***

— persuni mingħajr saqaf jew milquta mill-esklużjoni tal-akkomodazzjoni*,

— persuni minn żoni rurali*.

— ***persuni minn żoni ġeografiċi b'livelli għoljin ta' faqar u esklużjoni soċjali*,***

— ***persuni li jkunu għaddejjin mit-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura bbażata fil-familja u l-komunità**,***

(2) Indikaturi komuni tal-outputs għall-entitajiet huma:

— l-għadd ta' amministrazzjonijiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi appoġġati fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali,

— l-għadd ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji appoġġati (inkluż l-intrapriżi koperattivi u l-intrapriżi soċjali).

(3) L-indikaturi komuni tar-riżultati immedjati għall-parteċipanti huma:

— parteċipanti li qed ifittxu impjieg wara li telqu*,

— parteċipanti li qed jieħdu edukazzjoni jew taħriġ wara li telqu*,

— parteċipanti li kisbu kwalifika wara li telqu*,

— parteċipanti b'impjieg, inkluż għal rashom, meta telqu*.

(4) Indikaturi komuni tar-riżultati aktar fit-tul għall-parteċipanti:

— parteċipanti b'impjieg, inkluż għal rashom, fi żmien sitt xhur ***u tnax-il xahar*** wara li telqu*,

— parteċipanti b'sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol aħjar, fi żmien sitt xhur ***u tnax-il xahar*** wara li telqu*.

Bħala rekwiżit minimu, din id-data għandha tinġabar abbażi ta' kampjun rappreżentattiv ta' parteċipanti f'kull għan speċifiku. Il-validità interna tal-kampjun għandha tiġi żgurata b'tali mod li d-data tkun tista' tiġi ġeneralizzata fil-livell tal-għan speċifiku. **[Em. 153]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

ANNESS II

Indikaturi komuni għall-appoġġ tal-FSE+ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali

(1) Indikaturi tal-outputs

(a) Il-valur monetarju totali tal-oġġetti u l-ikel imqassma.

(i) il-valur totali tal-għajnuna alimentari

(ia) il-valur monetarju totali tal-ikel għat-tfal;

(ib) il-valur monetarju totali tal-ikel għall-persuni bla saqaf;

(ic) il-valur monetarju totali tal-ikel għal gruppi oħra fil-mira.

(ii) il-valur tal-oġġetti mqassma

(iia) il-valur monetarju totali tal-oġġetti għat-tfal;

(iib) il-valur monetarju totali tal-oġġetti għall-persuni bla dar;

(iic) il-valur monetarju totali tal-oġġetti għal gruppi oħra fil-mira.

(b) Il-kwantità totali ta' għajnuna alimentari mqassma (f'tunnellati)

Li minnhom [1]:

(a) is-sehem tal-ikel li għalih tħallsu biss it-trasport, it-tqassim u l-ħżin mill-programm (bħala %);

(b) il-proporzjon ta' oġġetti tal-ikel kofinanzjati mill-FSE+ fil-volum totali tal-ikel imqassam lill-benefiċjarji (bħala %).

(2) Indikaturi komuni tar-riżultati [2]

L-għadd tar-riċevituri aħħarija li jirċievu l-għajnuna alimentari

— L-għadd ta' tfal taħt it-18-il sena,

— L-għadd ta' żgħażagħ bejn it-18 u d-29 sena,

— L-għadd ta' persuni akbar minn 54 sena,

(1) Il-valuri fuq dawn l-indikaturi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-istima infurmata mill-benefiċjarji.
(2) Ibid.

— L-għadd ta' persuni b'diżabbiltà,

— L-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi,

— L-għadd ta' persuni bi sfond barrani u l-minoranzi ~~(inkluż il-komunitajiet emarġinati bħar-Roma)~~***(ħlief mill-komunità Rom)***,

— ***persuni mill-komunità Rom,***

— L-għadd ***ta'*** persuni mingħajr saqaf jew milquta mill-esklużjoni tal-akkomodazzjoni.

L-għadd ~~tar-riċevituri~~ ***ta' persuni*** aħħarija li jirċievu l-għajnuna materjali

— L-għadd ta' tfal taħt it-18-il sena,

— L-għadd ta' żgħażagħ bejn it-18 u d-29 sena,

— L-għadd ta' persuni akbar minn 54 sena,

— L-għadd ta' persuni b'diżabbiltà,

— L-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi,

— L-għadd ta' persuni bi sfond barrani u l-minoranzi ~~(inkluż il-komunitajiet emarġinati bħar-Roma)~~***(ħlief mill-komunità Rom)***,

— ***persuni mill-komunità Rom,***

— L-għadd ***ta'*** persuni mingħajr saqaf jew milquta mill-esklużjoni tal-akkomodazzjoni. **[Em. 154]**

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

***ANNESS IIa***

***Indikaturi komuni għall-appoġġ tal-FSE+ għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali għall-persuni l-aktar fil-bżonn***

***Indikaturi tal-outputs***

***(1) L-għadd totali ta' persuni li jirċievu għajnuna favur l-inklużjoni soċjali.***

***Li minnhom:***

***(a) l-għadd ta' tfal li għandhom 15-il sena jew inqas;***

***(b) l-għadd ta' persuni li għandhom 65 sena jew iktar;***

***(c) l-għadd ta' nisa;***

***(d) l-għadd ta' persuni bi sfond barrani u l-minoranzi (ħlief mill-komunità Rom);***

***(e) persuni mill-komunità Rom;***

***(f) l-għadd ta' persuni bla dar.*** [Em. 155]

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

***ANNESS IIb***

***Indikaturi għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali***

1. *Il-livell ta' kisba ddikjarata ta' fehim aħjar tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*
   - *(1) L-għadd ta' attivitajiet analitiċi,*
   - *(2) L-għadd ta' attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, għarfien u disseminazzjoni,*
   - *(3) Appoġġ lill-atturi ewlenin*
2. *Il-livell ta' kollaborazzjoni u sħubija attiva bejn l-istituzzjonijiet governattivi tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati*
   - *(1) L-għadd ta' attivitajiet analitiċi,*
   - *(2) L-għadd ta' attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, għarfien u disseminazzjoni,*
   - *(3) Appoġġ lill-atturi ewlenin*
3. *Użu ddikjarat tal-innovazzjoni fil-politika soċjali għall-implimentazzjoni tas-CSRs soċjali u r-riżultati tal-esperimentazzjoni ta' politiki soċjali għat-tfassil tal-politika*
   - *(1) L-għadd ta' attivitajiet analitiċi,*
   - *(2) L-għadd ta' attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, għarfien u disseminazzjoni,*
   - *(3) Appoġġ lill-atturi ewlenin*
4. *L-għadd ta' viżitaturi tal-pjattaforma EURES*
5. *L-għadd ta' kollokamenti f'impjieg għaż-żgħażagħ miksuba jew appoġġati fl-ambitu tal-Azzjoni Preparatorja "L-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek" (YfEJ) kif ukoll fi ħdan Skemi Partikolari ta' Mobilità*
6. *L-għadd ta' kuntatti personali individwali tal-konsulenti tal-EURES mal-persuni li jfittxu impjieg, mal-persuni li jbiddlu l-impjieg u ma' min iħaddem*
7. *L-għadd ta' negozji maħluqa jew konsolidati li bbenefikaw mill-appoġġ tal-Unjoni*
8. *Il-proporzjon ta' benefiċjarji li ħolqu jew żviluppaw aktar il-kummerċ permezz tal-mikrofinanzjament tal-Unjoni meta mqabbla ma' dawk li huma qiegħda jew li jappartjenu għal gruppi żvantaġġati* [Em. 156]

**Il-Ħamis 4 ta' April 2019**

ANNESS III

Indikaturi għall-fergħa tas-Saħħa

Il-livell ta' ħidma integrata fil-qasam tas-saħħa u l-użu tar-riżultati tal-programm fil-politiki nazzjonali tas-saħħa

1. L-għadd ta' pazjenti appoġġati bin-Netwerks Ewropej ta' Referenza
2. L-għadd ta' ~~valutazzjonijiet kliniċi konġunti tat-teknoloġija tas-saħħa~~ ***benefiċjarji (professjonisti, ċittadini, pazjenti) affettwati mir-riżultati tal-programm*** **[Em. 157]**
3. L-għadd ~~tal-aqwa prattiki trasferiti~~ ***ta' valutazzjonijiet kliniċi konġunti tat-teknoloġija tas-saħħa*** **[Em. 158]**
4. ~~Il-grad tal-użu tar-riżultati tal-programm fil-politika nazzjonali tas-saħħa kif imkejjel bil-kwestjonarju ta' "qabel u wara"~~ ***L-għadd tal-aqwa prattiki trasferiti*** **[Em. 159]**

***4a. Il-grad tal-użu tar-riżultati tal-programm fil-politiki jew l-għodod reġjonali u nazzjonali tas-saħħa kif imkejjel mill-metodi vvalidati*** **[Em. 160]**